MT 2016

Nru 30

Rapport Speċjali

# L-effettività tal-appoġġ tal-UE lis-setturi prijoritarji fil-Honduras

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-6310-0 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/822925 | QJ-AB-16-030-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-6293-6 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/434621 | QJ-AB-16-030-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-6313-1 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/4195 | QJ-AB-16-030-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

MT 2016

Nru 30

Rapport Speċjali

# L-effettività tal-appoġġ tal-UE lis-setturi prijoritarji fil-Honduras

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III tal-Awditjar — immexxija minn Karel Pinxten, Membru tal-QEA — li tispeċjalizza fl-azzjoni esterna, is-sigurtà u l-ġustizzja. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Bettina Jakobsen, b'appoġġ minn Katja Mattfolk, kap tal-kabinett; Kim Storup, attaché fil-kabinett; Alejandro Ballester-Gallardo, maniġer prinċipali u Werner Vlasselaer, kap tal-kompitu. It-tim tal-awditjar kien magħmul minn Thomas Arntz, Aurelia Petliza u Ainhoa Pérez-Infante.



*Mix-xellug għal-lemin:* A. Pérez-Infante, W. Vlasselaer, B. Jakobsen, T. Arntz, A. Petliza.

# Werrej

Paragrafu

Abbrevjazzjonijiet u akronimi

I - VIII Sommarju eżekuttiv

1 - 9 Introduzzjoni

1 - 4 Il-Honduras jiffaċċja sfidi sinifikanti fl-iżvilupp

5 - 9 Ġewwa l-Amerika Ċentrali, il-Honduras jirċievi l-aktar appoġġ tal-UE għall-iżvilupp

10 - 11 Ambitu u approċċ tal-awditjar

12 - 62 Osservazzjonijiet

12 - 20 B'mod ġenerali, l-approċċ tal-UE kien rilevanti u kkoordinat tajjeb iżda ma kienx iffukat biżżejjed

13 - 16 L-istrateġiji tal-UE indirizzaw ħtiġijiet importanti iżda l-finanzjament kien mifrux fuq wisq oqsma

17 - 20 Minkejja struttura tajba ta' koordinazzjoni tad-donaturi, għad ma hemmx diviżjoni effettiva tax-xogħol

21 - 31 Fil-biċċa l-kbira, l-appoġġ baġitarju ġie pprovdut għal politiki nazzjonali rilevanti iżda l-ġestjoni tal-Kummissjoni kienet affettwata minn xi dgħufijiet

22 - 23 L-appoġġ baġitarju ġeneralment ġie pprovdut b'appoġġ għal strateġiji nazzjonali li kienu kemm rilevanti kif ukoll kredibbli

24 - 30 Il-provvediment ta' appoġġ baġitarju kien jinvolvi riskji sostanzjali li, sa ċertu punt, il-Kummissjoni rnexxilha timmitiga

31 Id-Delegazzjoni tal-UE ma kellhiex il-kompetenza biex timmaniġġja l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju fuq il-post

32 - 38 L-azzjonijiet tal-UE ġeneralment taw l-outputs mistennija iżda dgħufijiet fl-għodod ta' monitoraġġ xekklu l-valutazzjoni tar-riżultati li nkisbu

33 - 35 L-outputs mistennija ġeneralment twettqu, iżda kien hemm xi dewmien dovut prinċipalment għall-kuntest diffiċli

36 - 38 Minkejja l-użu ta' diversi għodod, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni wera xi dgħufijiet

# Werrej



39 - 45 **Il-Kummissjoni għamlet sforzi tajbin biex ikun hemm djalogu ta' politika kostruttiv li jikkontribwixxi għal bidliet pożittivi**

40 - 42 Il-Kummissjoni żviluppat strateġiji rilevanti ta' djalogu ta' politika għall-biċċa l-kbira mis-setturi prijoritarji

43 - 45 Id-djalogu ta' politika tal-Kummissjoni ffaċilita l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE u wassal għal xi titjib tanġibbli

46 - 62 **Fiċ-ċirkustanzi diffiċli tal-pajjiż, l-azzjonijiet tal-UE kkontribwew għal żviluppi pożittivi iżda s-sitwazzjoni ġenerali fil-Honduras tibqa' preokkupanti**

47 - 56 Il-livell ta' faqar żdied

57 - 59 L-appoġġ tal-UE wassal għal riformi fil-ġestjoni tal-forestrija, iżda għadu kmieni wisq biex jiġi osservat impatt ġenerali

60 - 62 L-appoġġ tal-UE għen lill-istituzzjonijiet tal-ġustizzja u tas-sigurtà pubblika biex jaħdmu flimkien aktar mill-qrib, iżda s-sitwazzjoni fil-pajjiż tibqa' kritika

63 - 67 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

**Anness I — Mappa tal-Honduras**

**Anness II — Allokazzjonijiet indikattivi lis-setturi prijoritarji fil-Honduras għall-2007-2013 u għall-2014-2020**

**Anness III — Appoġġ bilaterali lill-Honduras: deċiżjonijiet matul l-2007-2015**

**Anness IV — Kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet ta' finanzjament għall-azzjonijiet tal-UE**

**Risposta tal-Kummissjoni**

# Abbrevjazzjonijiet u akronimi



**APN**: Appoġġ għall-Pjan Nazzjonali (Apoyo al Plan Nacional)

**DSP**: Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż (strument ta' programmar pluriennali)

**EuroFor**: Programm ta' appoġġ Ewropew għas-Settur tal-Forestrija (Programa de apoyo europeo al sector forestal)

**Eurojusticia**: Promozzjoni ta' Ġustizzja rapida u aċċessibbli fil-Honduras (Promoviendo una Justicia Rápida y Accesible en Honduras)

**EUROSAN**: Sikurezza Alimentari, Nutrizzjoni, u Reżiljenza fil-Kuritur Xott (Dry Corridor) (Seguridad Alimentaria, Nutrición y Resiliencia en el Corredor Seco)

**MADIGEP**: Miżuri ta' appoġġ għall-Bini ta' Istituzzjonijiet u l-Ġestjoni tal-Politiki Pubbliċi (Medidas de Apoyo al Desarrollo Institucional y la Gestión de Políticas Públicas)

**MIP**: Programm Indikattiv Pluriennali (Objettivi strateġiċi tar-relazzjoni tal-UE mal-Honduras għall-perjodu 2007-2013)

**MOSEF**: Proġett għall-immodernizzar tas-Settur tal-Forestrija fil-Hondouras (Proyecto Modernización del Sector Forestal de Honduras)

**PAAPIR**: Programm ta' appoġġ għall-Amministrazzjoni Pubblika u l-Integrazzjoni Reġjonali (Programa de Apoyo a la Administración Pública y a la Integración Regional)

**PAPSAC**: Programm ta' appoġġ settorjali għall-Ilma u l-Kwalità (Programa de Apoyo Sectorial Agua y Calidad)

**PASS**: Programm ta' appoġġ għas-Settur tas-Sigurtà fil-Honduras (Programa de Apoyo al Sector Seguridad en Honduras)

**PDG**: Prodott Domestiku Gross

**PIN**: Programm Indikattiv Nazzjonali (il-perjodu ta' żmien tad-DSP 2007-2013 inqasam f'żewġ PIN suċċessivi, li jkopru l-perjodi 2007-2010 u 2011-2013 rispettivament)

**UNICEF**: Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal

**WHO**: Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

# Sommarju eżekuttiv



## I

Il-Honduras huwa pajjiż fl-Amerika Ċentrali li għandu rati għoljin ta' faqar u vjolenza mxerrda ma' kullimkien. Fi snin reċenti, l-UE u l-Istati Membri tagħha saħħew il-kooperazzjoni tagħhom mal-Honduras, notevolment bl-iffirmar ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-2012. L-UE għaddiet il-finanzjament tagħha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, lill-Honduras, fl-għamla kemm ta' proġetti kif ukoll ta' appoġġ baġitarju.

## II

Aħna vvalutajna l-effettività tal-appoġġ bilaterali tal-UE għall-iżvilupp lis-setturi prijoritarji fil-Honduras. Għalhekk, aħna eżaminajna l-ġestjoni tal-Kummissjoni u l-livell sa fejn intlaħqu l-objettivi tal-UE fir-rigward tal-appoġġ għall-iżvilupp. L-awditu ffoka fuq il-perjodu 2007-2015 fejn il-pagamenti mill-UE ammontaw għal EUR 119-il miljun. Is-setturi prijoritarji li ġew eżaminati kienu t-tnaqqis tal-faqar, il-forestrija, u s-sigurtà u l-ġustizzja.

## III

Aħna kkonkludejna li l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp lis-setturi prijoritarji fil-Honduras matul il-perjodu awditjat kien parzjalment effettiv. Huwa kkontribwixxa għal għadd ta' żviluppi pożittivi f'dawn is-setturi, iżda l-impatt tiegħu kien imxekkel miċ-ċirkustanzi diffiċli tal-pajjiż u minn għadd ta' dgħufijiet fil-ġestjoni. Is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż tibqa' preokkupanti. Il-livell ta' faqar żdied, l-erja ta' art forestali kienet naqset u għad hemm vjolenza mxerrda ma' kullimkien u rata għolja ħafna ta' omiċidji.

## IV

L-azzjonijiet tal-UE kienu rilevanti u ġeneralment taw l-outputs mistennija, għalkemm b'dewmien sinifikanti li fil-biċċa l-kbira kien dovut għal fatturi esoġeni. L-approċċ tal-Kummissjoni ma kienx iffukat biżżejjed peress li l-assistenza finanzjarja kienet mifruxa fuq ħafna oqsma, u b'hekk żdied ir-riskju li l-impatt tagħha jiġi pperikolat. Aħna sibna nuqqasijiet fl-għodod li l-Kummissjoni użat biex timmonitorja l-prestazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE.

## V

Għalkemm fil-Honduras hemm struttura tajba ta' koordinazzjoni tad-donaturi, il-kollaborazzjoni effettiva kienet relattivament limitata u dan, f'xi każijiet speċifiċi, wassal għal trikkib fl-appoġġ. Madankollu, il-Kummissjoni qed tagħmel sforzi biex mill-2018 tinbeda programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri tal-UE.

## VI

Il-Kummissjoni żviluppat strateġiji ta' djalogu biex tistruttura d-djalogu ta' politika tagħha f'diversi oqsma mal-Gvern tal-Honduras. Din hija prattika tajba, għalkemm hija ma għamlitx valutazzjonijiet bil-miktub tal-livell sa fejn intlaħqu l-objettivi stabbiliti mill-istrateġiji ta' djalogu tagħha. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni implimentat djalogu ta' politika kostruttiv, li kkontribwixxa għall-ilħuq tal-objettivi tal-azzjonijiet tal-UE.

## VII

Id-Delegazzjoni tal-UE fil-Honduras ma kellhiex il-kompetenza makroekonomika u ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi neċessarja biex timmaniġġja l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju. Barra minn hekk, il-provvediment ta' appoġġ baġitarju fil-Honduras kien jinvolvi riskji sostanzjali minħabba fil-qafas makroekonomiku instabbli u l-ġestjoni dgħajfa tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni rnexxielha timmitiga dawn ir-riskji parzjalment. Madankollu, hija ma vvalutatx l-eliġibbiltà għal appoġġ baġitarju b'mod strutturat biżżejjed biex turi li l-progress li kien inkiseb mill-pajjiż kien jikkonforma ma' punti ta' riferiment u ma' miri li kienu ddefiniti b'mod ċar. Barra minn dan, il-Kummissjoni mhux dejjem rreaġġiet b'mod konsistenti meta l-pajjiż sieħeb ma rrispettax il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal appoġġ baġitarju. Dan bagħat messaġġi kontradittorji li setgħu kienu ta' detriment għall-effettività tal-għajnuna.

## VIII

Aħna nagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex il-Kummissjoni ssaħħaħ l-approċċ tal-UE, il-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju, il-kejl tal-prestazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE u d-djalogu ta' politika fis-setturi prijoritarji.

# Introduzzjoni



## Il-Honduras jiffaċċja sfidi sinifikanti fl-iżvilupp

**01**
Il-Honduras huwa pajjiż b'introjtu medju-baxx li jinsab fl-Amerika Ċentrali (ara l-mappa fl-***Anness I***) b'popolazzjoni li taqbeż it-8 miljuni. Minn mindu saru l-elezzjonijiet ġenerali f'Novembru 2009, wara li kien hemm kolp ta' stat, il-pajjiż baqa' taħt it-tmexxija kontinwa tal-istess partit politiku.

**02**
Il-Honduras kien ikklassifikat fil-pożizzjoni 131 minn 188 fuq il-lista tal-2015 tal-indiċi tal-iżvilupp tal-bniedem, li tħejjiet min-Nazzjonijiet Uniti[1] u huwa għalhekk meqjus li l-livell tiegħu tal-iżvilupp tal-bniedem huwa medju. Il-pajjiż għandu waħda mir-rati l-aktar għoljin ta' faqar fl-Amerika Latina, bi 68.2 % tal-popolazzjoni affettwati, u b'39.7 % tal-popolazzjoni f'sitwazzjoni ta' faqar estrem[2]. Il-Honduras huwa wkoll wieħed mis-soċjetajiet l-aktar inekwi fl-Amerika Latina.

**03**
Matul is-snin, il-Honduras adotta bosta strateġiji biex jindirizza l-isfidi tiegħu fl-iżvilupp (ara l-***Kaxxa 1***).

1 Ir-Rapport dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem 2015, il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti.

2 Skont id-*data* tal-2014 tal-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika ("*Instituto Nacional de Estadística*").

Kaxxa 1

### Strateġiji tal-Gvern għall-iżvilupp

Fl-2001, il-Gvern adotta Dokument ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar bħala qafas biex tingħadda l-għajnuna għall-iżvilupp. Huwa kien l-uniku pajjiż fl-Amerika Latina li għamel hekk. Dan kien rekwiżit biex ikun jista' jibbenefika minn ħelsien mid-dejn taħt l-inizjattiva ta' Pajjiżi Fqar b'Ħafna Dejn. Il-Gvern eżamina l-Istrateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar matul il-perjodu 2006-2008 biex itejjeb il-fokus tagħha fuq il-persuni fqar ħafna, iżda qatt ma approva uffiċjalment l-istrateġija modifikata.

B'segwitu għall-kolp ta' stat tal-2009, il-partiti politiċi qablu dwar pjan fuq terminu twil imsejjaħ "Viżjoni għall-Pajjiż 2010-2038"[3] u dwar pjan fuq terminu medju msejjaħ "Pjan Nazzjonali 2010-2022"[4]. Il-pjan fuq terminu twil jiddeskrivi fil-qosor erba' objettivi ġenerali u ambizzjużi relatati mal-politiki soċjali, politiċi u ekonomiċi li għandhom jintlaħqu sal-2038. Għandu jiġi implimentat permezz ta' żewġ pjanijiet nazzjonali u seba' pjanijiet tal-gvern. Il-pjan nazzjonali għall-2010-2022 jiffoka fuq 11-il qasam strateġiku.

3 *"Visión de País 2010–2038".*

4 *"Plan de Nación 2010–2022".*

**04**
L-instabbilità makroekonomika ġiet identifikata bħala waħda mill-kawżi tat-tkabbir baxx u l-insuffiċjenza fit-tnaqqis tal-faqar. Il-Honduras huwa magħruf ukoll bħala pajjiż vjolenti ħafna b'rata ta' omiċidji *per capita* li hija fost l-ogħla fid-dinja. Flimkien mal-impunità u l-korruzzjoni, dan huwa ostakolu fundamentali għall-iżvilupp fil-Honduras.

## Ġewwa l-Amerika Ċentrali, il-Honduras jirċievi l-aktar appoġġ tal-UE għall-iżvilupp

**05**
Wara l-Istati Uniti, l-UE hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Honduras. F'Ġunju 2012, l-UE u l-Istati Membri tagħha ffirmaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali. Il-Ftehim iserraħ fuq tliet pilastri: id-djalogu politiku, il-kooperazzjoni, u l-kummerċ. Il-pilastru tal-kummerċ daħal proviżorjament fis-seħħ għall-Honduras f'Lulju 2013, filwaqt li l-pilastri tad-djalogu politiku u tal-kooperazzjoni se jiġu attivati ladarba l-Istati Membri kollha tal-UE jkunu rratifikaw il-Ftehim.

**06**
L-UE u l-Istati Membri tagħha ffirmaw ukoll Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali: dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014. Il-Ftehim jipprevedi djalogu politiku f'bosta livelli u jinkludi l-possibbiltà ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà.

**07**
Fost it-12-il donatur prinċipali fil-Honduras, l-UE hija kklassifikata fir-raba' post, u tirrappreżenta 11 % tal-assistenza uffiċjali kollha għall-iżvilupp fil-pajjiż. Il-Kummissjoni tipprogramma l-appoġġ bilaterali tal-UE għal perjodi ta' seba' snin. Il-pakkett kumplessiv żdied minn EUR 223 miljun għall-perjodu 2007-2013 għal EUR 235 miljun għall-2014-2020 (ara l-***Anness II***). Il-prijoritajiet prinċipali li ġew identifikati għall-2007-2013 kienu t-tnaqqis tal-faqar, ir-riżorsi naturali u s-sigurtà u l-ġustizzja. Il-prijoritajiet prinċipali għall-2014-2020 huma s-sigurtà alimentari, b'fokus fuq l-agrikoltura familjari; l-impjieg u xogħol deċenti u l-istat tad-dritt.

**08**
Mill-2007-2015, dawn l-allokazzjonijiet irriżultaw f'kuntratti li ammontaw għal total ta' EUR 194 miljun u f'pagamenti li ammontaw għal total ta' EUR 119-il miljun (ara l-***Figura 1*** u l-***Anness III***). Madwar nofs il-valur tal-appoġġ bilaterali huwa pprovdut permezz ta' appoġġ baġitarju[5], kemm appoġġ baġitarju ġenerali kif ukoll appoġġ baġitarju settorjali. In-nofs l-ieħor jiġi implimentat fl-għamla ta' proġetti. Il-Kummissjoni takkumpanja l-azzjonijiet tal-UE bi djalogu ta' politika.

5 L-appoġġ baġitarju huwa modalità ta' għajnuna li tinvolvi t-trasferiment ta' fondi mill-Kummissjoni lit-teżor nazzjonali ta' pajjiż sieħeb sabiex tipprovdi riżorsi baġitarji addizzjonali għall-appoġġ ta' strateġija nazzjonali għall-iżvilupp jew ta' strateġija settorjali. Dan ikun akkumpanjat minn djalogu ta' politika, valutazzjoni tal-prestazzjoni u żvilupp tal-kapaċità.

Figura 1

## Pagamenti għall-azzjonijiet tal-UE li ġew deċiżi fil-perjodu 2007-2015




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

## 09

Minbarra kooperazzjoni bilaterali pprogrammata, il-Honduras ibbenefika wkoll minn:

(a) programmi ta' kooperazzjoni reġjonali għall-Amerika Latina. Dawn jikkonċernaw il-koeżjoni soċjali, il-governanza tajba, l-iżvilupp lokali urban, l-għarfien tas-settur tal-ilma, l-enerġija għal komunitajiet iżolati u t-tibdil fil-klima. It-total tal-allokazzjoni reġjonali żdied b'mod sostanzjali: minn EUR 556 miljun għall-2007-2013 għal EUR 805 miljun għall-2014-2020;

(b) il-programm subreġjonali tal-Amerika Ċentrali, li jiffoka fuq is-sigurtà u l-ġustizzja, it-tibdil fil-klima u l-iżvilupp fis-settur privat biex jiġi ġġenerat l-impjieg. L-allokazzjoni globali żdiedet ukoll b'mod sostanzjali: minn EUR 75 miljun għall-2007-2013 għal EUR 120 miljun għall-2014-2020;

(c) 47 proġett iffinanzjat minn linji baġitarji tematiċi bħall-edukazzjoni, id-deċentralizzazzjoni, is-sigurtà alimentari u d-drittijiet tal-bniedem. L-infiq ikkonċernat jammonta għal EUR 24 miljun;

(d) il-Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina li, fil-każ tal-Honduras, im-penjat EUR 7 miljun għal proġett tat-toroq u għandha proġett tal-elettriku ppjanat;

(e) Proġett ta' EUR 1.1 miljun iffinanzjat taħt l-Istrument għall-Istabbiltà biex jappoġġa l-Kummissjoni għall-Verità u r-Rikonċiljazzjoni wara l-kolp ta' stat fl-2009 (ara l-paragrafu 1).

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



**10**

Aħna vvalutajna l-effettività tal-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp lis-setturi prijoritarji fil-Honduras. Għalhekk, aħna eżaminajna l-ġestjoni tal-Kummissjoni u l-livell sa fejn intlaħqu l-objettivi tal-UE fir-rigward tal-appoġġ għall-iżvilupp. L-awditu ffoka fuq il-perjodu 2007-2015 u twettaq bejn Novembru 2015 u April 2016. Is-setturi prijoritarji li ġew eżaminati kienu t-tnaqqis tal-faqar, ir-riżorsi naturali, u s-sigurtà u l-ġustizzja. Dawn is-setturi rċevew 89 % tal-infiq taħt appoġġ bilaterali matul il-perjodu 2007-2015 (ara l-***Anness III***).

**11**

Ix-xogħol tal-awditjar tagħna kien jikkonsisti f'analiżi fl-uffiċċju, intervisti ta' persunal mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u żjara fil-Honduras. L-objettiv taż-żjara kien li niġbru aktar informazzjoni u li nintervistaw persunal mid-Delegazzjoni tal-UE, rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali, benefiċjari, donaturi oħra u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## B'mod ġenerali, l-approċċ tal-UE kien rilevanti u kkoordinat tajjeb iżda ma kienx iffukat biżżejjed

**12**
Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ipprijoritizzatx is-setturi għall-appoġġ bl-indirizzar tal-ħtiġijiet prinċipali tal-pajjiż b'mod konsistenti. Eżaminajna wkoll jekk il-Kummissjoni kinitx ikkoordinat kif xieraq l-approċċ tagħha ma' donaturi oħra li kienu attivi fil-Honduras.

## L-istrateġiji tal-UE indirizzaw ħtiġijiet importanti iżda l-finanzjament kien mifrux fuq wisq oqsma

**13**
Meta kienet qed tipprogramma l-appoġġ bilaterali tagħha għall-Honduras, il-Kummissjoni mmirat lejn ħafna oqsma prijoritarji[6]. Id-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Kummissjoni ġeneralment ipprovdew argumenti konvinċenti għall-involviment f'oqsma ġodda billi wieġbu għal ħtiġijiet importanti koperti minn strateġiji nazzjonali li kienu kemm rilevanti kif ukoll kredibbli. Madankollu, f'xi każijiet, l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-2011-2013 ipprevediet appoġġ f'oqsma (jiġifieri l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u s-sistemi ta' kwalità għat-titjib tal-kompetittività) li għalihom il-Gvern tal-Honduras ma kienx adotta strateġija settorjali. Għalhekk ma ġiex iddimostrat li l-appoġġ tal-Kummissjoni f'dawn l-oqsma kien ukoll prijorità għall-Gvern.

**14**
Il-Kummissjoni implimentat l-istrateġiji tagħha permezz ta' azzjonijiet li kienu jinvolvu l-provvediment ta' assistenza finanzjarja (ara l-***Anness III***). L-objettivi ta' dawn l-azzjonijiet (ara l-***Kaxxa 2***) kienu ddefiniti b'mod ġenerali, partikolarment għat-tnaqqis tal-faqar li kien settur prijoritarju għall-perjodu 2007-2013. Dawn l-objettivi kienu jirrigwardaw ħafna oqsma inklużi l-edukazzjoni, is-saħħa, l-ilma u s-sanitazzjoni, is-sistemi ta' kwalità, is-sistemi tal-istatistika u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Il-fokus limitat kien ifisser li l-isforzi u l-assistenza finanzjarja kienu mifruxin fuq ħafna oqsma, li pperikola l-impatt potenzjali tagħhom. Barra minn dan, l-għażliet strateġiċi tal-Kummissjoni kienu jinvolvu bidliet frekwenti hija u tirreaġixxi b'mod flessibbli għal bidliet fl-istrateġiji nazzjonali. B'riżultat ta' dan, xi wħud minn dawn l-oqsma rċevew appoġġ għal perjodu ta' żmien relattivament qasir biss. L-eżempji prinċipali kienu jikkonċernaw appoġġ għall-edukazzjoni bażika, is-saħħa, is-sistemi ta' kwalità u l-ilma u s-sanitazzjoni li kienu oqsma prijoritarji matul tlieta jew erba' snin.

6 Il-Kummissjoni identifikat sitt "setturi prijoritarji" għall-perjodu 2007-2013 u 2014-2020. Dawn is-setturi prijoritarji koprew ħafna oqsma differenti bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-ilma u s-sanitazzjoni, il-forestrija, l-enerġija rinnovabbli, is-sigurtà u l-ġustizzja u aktar. Għad-dettalji ara l-***Anness II***.

Kaxxa 2

## Objettivi tal-azzjonijiet tal-UE fis-setturi prijoritarji eżaminati

**Tnaqqis tal-faqar**

| | |
|---|---|
| APN (2009) | Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet u l-istrateġiji nazzjonali b'fokus fuq il-kwalità fl-edukazzjoni bażika u l-istrateġiji tas-saħħa għat-tnaqqis tal-mortalità tal-ommijiet u tat-tfal. F'livell inqas, jipprovdi appoġġ għar-riforma tas-servizz ċivili u l-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika[7]. |
| PAPSAC (2012) | Titjib fil-kundizzjonijiet tal-ilma u s-sanitazzjoni u l-kompetittività tas-settur agroalimentari b'fokus fuq il-kwalità. |

**Riżorsi naturali**

| | |
|---|---|
| MOSEF (2011) | Tisħiħ tal-Istitut tal-Konservazzjoni Forestali[8] u tal-ġestjoni forestali fil-livell lokali. |
| EuroFor (2013) | Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali tal-Forestrija u għall-ġestjoni forestali fuq bażi komunitarja. |

**Sigurtà u Ġustizzja**

| | |
|---|---|
| PASS (2008) | Appoġġ għas-settur tas-sigurtà tul l-adozzjoni tal-Politika nazzjonali tas-sigurtà u l-ġustizzja, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet istituzzjonali, il-politiki ta' prevenzjoni u ta' riabilitazzjoni u t-titjib fil-kundizzjonijiet tad-detenzjoni. |
| Eurojusticia (2013) | Iffukata prinċipalment fuq il-ġustizzja, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali għall-prosekuzzjoni u l-ikkastigar tal-korruzzjoni u ta' reati vjolenti, l-iżvilupp ta' kontrolli interni u esterni fis-settur u t-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja. |

7 *"Instituto Nacional de Estadística".*

8 *"Instituto de Conservación Forestal".*

**15**

Attivitajiet taħt l-azzjonijiet użati għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-Kummissjoni kienu kumplimentari u kkoordinati tajjeb ma' appoġġ ieħor tal-UE fl-għamla ta' programmi bilaterali, reġjonali u tematiċi. Barra minn hekk, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-objettivi u l-attivitajiet kienu konformi mal-ħtiġijiet tas-settur appoġġat. Madankollu, l-awditu identifika ż-żewġ eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) Parti mill-appoġġ ipprovdut mill-MOSEF lill-muniċipalitajiet ma indirizzax il-ħtiġijiet fis-settur tal-forestrija. Eżempji kienu jinkludu taħriġ dwar il-prinċipji tal-iġjene ġenerali, il-kostruzzjoni ta' ġibjuni tal-ilma għal skopijiet ġenerali tal-provvista tal-ilma, l-installazzjoni ta' laned taż-żibel fi skejjel primarji, il-kostruzzjoni ta' mogħdijiet u ta' gabbani f'park urban u l-installazzjoni ta' pannelli solari. Madankollu, l-azzjonijiet tal-UE ma indirizzawx biżżejjed l-inċertezza dwar id-dritt għaż-żamma ta' art, li hija waħda mid-dgħufijiet prinċipali fis-settur tal-forestrija. L-inċertezza hija kkawżata mill-fatt li t-titlu għall-art forestali ngħata minn tliet istituzzjonijiet mingħajr ma kien hemm koordinazzjoni bejniethom. Dan għandu effett negattiv fuq il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, in-nirien fil-foresti u l-qtugħ illegali tas-siġar.

(b) Bħal donaturi oħra, l-UE appoġġat is-settur tal-edukazzjoni billi ffukat fuq l-edukazzjoni preprimarja u l-edukazzjoni bażika (il-livelli 1 sa 6) minflok ma ffukat fuq it-tielet ċiklu (il-livelli 7 sa 9) għalkemm, skont l-awtoritajiet nazzjonali, dan tal-aħħar kien jeħtieġ aktar attenzjoni[9].

## 16

L-assistenza teknika ġiet ipprovduta bħala parti mill-azzjonijiet jew, fil-każ tat-tnaqqis tal-faqar, permezz ta' azzjonijiet dedikati[10]. L-assistenza teknika ngħatat prijorità mill-awtoritajiet nazzjonali. Dan ippermetta li l-ħtiġijiet rilevanti jiġu indirizzati filwaqt li ma jsirux duplikazzjonijiet. Madankollu, billi l-Kummissjoni indirizzat ħafna oqsma (ara l-paragrafi 13 u 14), il-finanzjament disponibbli ma kienx biżżejjed biex jindirizza ħtiġijiet sinifikanti fis-setturi prijoritarji - minkejja t-talbiet speċifiċi li saru mill-ministeri kkonċernati. Dawn it-talbiet kienu jikkonċernaw il-ħtiġijiet rilevanti li lanqas ma ġew indirizzati minn donaturi oħra.

(a) Għadd ta' talbiet għall-assistenza teknika li saru mill-Ministeru tas-Saħħa ma ġewx onorati, inklużi talbiet għal studju dwar id-defiċjenzi ta' vitamini u minerali fil-popolazzjoni u għall-iżvilupp ta' sistema integrata tas-saħħa u s-sistemi ta' informazzjoni relatati.

(b) Kienu biss dawk il-ftit awtoritajiet lokali li ngħataw is-setgħa li jimmaniġġjaw l-ilma u s-sanitzzjoni li mbagħad setgħu jibbenefikaw mill-appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċità u ċerti talbiet ġenerali għall-assistenza teknika fis-settur tal-ilma u s-sanitazzjoni ma ġewx issodisfati. Il-ħtiġijiet li ma ġewx indirizzati kienu jikkonċernaw l-assistenza fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni, il-formulazzjoni ta' proġetti lokali u l-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-ilma.

(c) L-assistenza teknika li ngħatat biex jissaħħu s-sistemi ta' kwalità għat-titjib tal-kompetittività ma indirizzatx xi wħud mill-ħtiġijiet prinċipali li ġew identifikati mill-Gvern, bħall-abbozzar ta' regolament biex tiġi implimentata l-liġi għall-promozzjoni tal-kwalità, il-validazzjoni ta' metodi għad-detezzjoni ta' residwi tossiċi fl-ikel, il-konsolidazzjoni ta' diversi strateġiji nazzjonali u l-iżvilupp ta' pjan strateġiku għall-Uffiċċju tal-Akkreditazzjoni tal-Honduras.

### Minkejja struttura tajba ta' koordinazzjoni tad-donaturi, għad ma hemmx diviżjoni effettiva tax-xogħol

## 17

Il-mekkaniżmu prinċipali ta' koordinazzjoni jlaqqa' flimkien id-donaturi li huma l-aktar sinifikanti[11] u huwa organizzat fi tliet livelli (ara l-***Figura 2***) inkluż fil-livell settorjali fejn id-donaturi jaqsmu informazzjoni u jiskambjaw fehmiet. Il-Kummissjoni tipparteċipa b'mod attiv f'bosta minn dawn il-gruppi ta' ħidma.

9 Kif iddikjarat fil-Pjan Nazzjonali għall-Edukazzjoni ("*Plan de educación 2010-2014!Para el cambio ya!*").

10 PAAPIR u MADIGEP.

11 Il-Kanada, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Ġappun, in-Netherlands, Spanja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, il-Bank tal-Amerika Ċentrali għall-Integrazzjoni Ekonomika, il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp, il-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea.

Figura 2

## Koordinazzjoni tad-donaturi fil-Honduras




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**18**

Il-Kummissjoni kkooperat mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari billi kkonkludiet ftehimiet ta' delega mal-Ġermanja u ma' Spanja fis-setturi tal-forestrija u tal-ġustizzja rispettivament. Għadha ma saritx diviżjoni effettiva tax-xogħol iżda l-Kummissjoni qed tagħmel sforzi biex tinbeda programmazzjoni konġunta mill-2018 'il quddiem[12].

12 Fl-2013 ġie maqbul pjan direzzjonali dwar programmazzjoni konġunta bejn l-UE u l-Istati Membri li huma attivi fil-Honduras.

## 19

Il-kooperazzjoni ma' donaturi oħra hija inqas intensiva. Fi żmien l-awditu, ma kienx hemm diviżjoni reali tax-xogħol, li kien ifisser li bosta donaturi b'approċċi differenti kienu attivi fis-setturi prijoritarji, b'mod partikolari l-edukazzjoni[13], is-saħħa u l-ilma u s-sanitazzjoni. F'xi każijiet dan saħansitra wassal għal trikkib fil-finanzjament (ara l-***Kaxxa 3***). L-ostakoli prinċipali għal koordinazzjoni aħjar tad-donaturi kienu n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Gvern tal-Honduras u r-reżistenza min-naħa ta' xi wħud mid-donaturi.

13 Id-donaturi ffukaw fuq l-ewwel żewġ ċikli tal-edukazzjoni primarja, iżda ftit ingħata appoġġ għat-tielet ċiklu tal-edukazzjoni primarja jew għall-edukazzjoni sekondarja.

Kaxxa 3

### Trikkib fil-finanzjament

Fis-settur tas-sigurtà u l-ġustizzja, kien hemm, sa ċertu punt, trikkib fil-finanzjament fil-livell tal-Ministeru tas-Sigurtà, fejn it-taħriġ fl-investigazzjoni kriminali għall-Pulizija Nazzjonali ngħata minn bosta donaturi li użaw approċċi u duttrini differenti.

Fis-settur tal-ilma u s-sanitazzjoni, nofs il-muniċipalitajiet kollha ma rċevew l-ebda appoġġ, iżda ħafna oħrajn irċevew appoġġ minn bosta donaturi simultanjament.

## 20

Ostakolu ieħor kien in-nuqqas ta' deskrizzjoni ġenerali tajba tal-appoġġ ipprovdut mid-donaturi. L-eżerċizzji neċessarji ta' mmappjar ma twettqux għas-setturi kollha (eż. sistemi ta' kwalità għat-titjib tal-kompetittività), ma kinux kompleti u/jew ma ġewx aġġornati ta' spiss.

## Fil-biċċa l-kbira, l-appoġġ baġitarju ġie pprovdut għal politiki nazzjonali rilevanti iżda l-ġestjoni tal-Kummissjoni kienet affettwata minn xi dgħufijiet

## 21

Aħna eżaminajna jekk l-appoġġ baġitarju ġiex ipprovdut b'appoġġ għal strateġiji nazzjonali li kienu kemm rilevanti kif ukoll kredibbli. Eżaminajna wkoll jekk kienx hemm rispons xieraq għar-riskji assoċjati mal-provvediment ta' appoġġ baġitarju u jekk il-Kummissjoni impjegatx biżżejjed persunal ikkwalifikat b'mod xieraq fid-Delegazzjoni tal-UE biex jimmaniġġja l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju.

## L-appoġġ baġitarju ġeneralment ġie pprovdut b'appoġġ għal strateġiji nazzjonali li kienu kemm rilevanti kif ukoll kredibbli

### 22

Il-Kummissjoni pprovdiet parti sinifikanti mill-assistenza finanzjarja tagħha fl-għamla ta' appoġġ baġitarju (ara l-paragrafu 8). Għamlet l-istess għat-tnaqqis tal-faqar mill-2010 'l hawn (APN u PAPSAC) u, flimkien ma' appoġġ għall-proġetti, għas-settur tal-forestrija mill-2013 'il hawn (EuroFor). Aktar reċentement, sar ukoll impenn biex din il-modalità ta' għajnuna tibda tintuża għall-appoġġ tas-sigurtà alimentari (EUROSAN) mill-2016 'il quddiem. Bil-provvediment ta' appoġġ baġitarju, il-Kummissjoni tappoġġa, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp (ara l-***Kaxxa 1***), li kienu jinkludu objettivi fl-oqsma kkonċernati, kif ukoll strateġiji settorjali li kienu kemm rilevanti kif ukoll kredibbli:

(a) Fis-settur tat-tnaqqis tal-faqar, għall-perjodu 2010-2014 il-Gvern kellu strateġija għall-edukazzjoni ("*Plan de educación!Para el cambio ya!*") u strateġija għas-saħħa ("*Plan nacional salud*"), li t-tnejn li huma kienu mmirati lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Il-pajjiż kellu wkoll pjan strateġiku għall-immodernizzar tas-settur tal-ilma u s-sanitazzjoni.

(b) Is-settur tal-forestrija kien irregolat mill-Programm Nazzjonali tal-Forestrija 2004-2021[14], li għandu l-għan li jnaqqas il-vulnerabbiltà ambjentali u l-jiżviluppa l-abbiltà tas-settur biex jikkontribwixxi għall-ekonomija.

(c) Għas-sigurtà alimentari, l-Istrateġija Nazzjonali għas-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni ġiet aġġornata fl-2010 u għandha l-għan li żżid is-sigurtà alimentari, id-disponibbiltà tal-ikel u l-livell ta' nutrizzjoni. Fl-2014, il-President tal-Honduras iddikjara li l-prijorità prinċipali kienet l-hekk imsejjaħ "kuritur xott", reġjun[15] affettwat minn sottonutrizzjoni kronika. Il-Gvern jimplimenta l-istrateġija tiegħu permezz ta' programm nazzjonali msejjaħ l-"Alleanza tal-Kuritur Xott".

### 23

Madankollu, ma kienx hemm strateġija ċara tal-Gvern[16] għall-objettiv tal-PAPSAC li jissaħħu s-sistemi ta' kwalità għat-titjib tal-kompetittività[17]. Għalkemm il-Pjan Nazzjonali jirreferi għall-ħtieġa li l-kompetittività u l-produttività tal-pajjiż jiżdiedu, huwa ma jidentifikax il-ħtieġa li jkun hemm titjib fis-sistemi ta' kwalità. L-Istrateġija Nazzjonali għall-Kompetizzjoni[18] lanqas ma tqis li t-titjib tas-sistemi ta' kwalità huwa prijorità. Barra minn hekk, l-isforzi nazzjonali għat-titjib tas-sistemi ta' kwalità kienu frammentati u ma kellhomx baġit speċifiku, u l-istituzzjonijiet involuti[19] ma kellhomx il-kompetenza biex jiżviluppaw politiki u riformi.

14 *"Programa Nacional Forestal 2004-2021".*

15 Ir-reġjun ikopri l-parti ċentrali, il-Punent u n-Nofsinhar tal-Honduras.

16 Skont il-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Appoġġ baġitarju, il-programmi ta' Appoġġ Baġitarju Settorjali huma suġġetti għall-eżistenza ta' strateġiji settorjali li jkunu kemm rilevanti kif ukoll kredibbli.

17 Is-sistemi ta' kwalità jikkonċernaw in-normalizzazzjoni, il-metroloġija, l-akkreditazzjoni u l-iżgurar ta' konformità.

18 *"Estrategia nacional de competitividad".*

19 Is-Sistema Nazzjonali ta' Kwalità u l-Ministeru tal-Ippjanar u l-Kooperazzjoni Esterna.

## Il-provvediment ta' appoġġ baġitarju kien jinvolvi riskji sostanzjali li, sa ċertu punt, il-Kummissjoni rnexxilha timmitiga

**24**
Hemm riskji sostanzjali relatati mal-provvediment ta' appoġġ baġitarju fil-Honduras, b'mod partikolari b'rabta mal-instabbiltà makroekonomika u d-dgħufijiet fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, bħall-frodi u l-korruzzjoni. F'konformità mal-qafas tagħha ta' valutazzjoni tar-riskji[20], il-Kummissjoni ddeskriviet dawn ir-riskji u fit-txet li timmitigahom.

### Stabbiltà makroekonomika

**25**
L-istabbiltà makroekonomika tal-pajjiż benefiċjarju hija kundizzjoni ewlenija biex jiġi żgurat li l-appoġġ baġitarju tal-UE jkun effettiv. Il-politika makroekonomika tal-Honduras ma kinitx stabbli. Fl-2008, il-Fond Monetarju Internazzjonali ma setax jilħaq qbil mal-Honduras wara li vvaluta li l-Gvern ma kienx ikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-politika monetarja u tal-kambju, il-kontroll tal-ispejjeż u s-superviżjoni tas-sistema bankarja. Ftehim ġdid mal-Fond Monetarju Internazzjonali ma ġiex konkluż qabel Ottubru 2010, iżda dan reġa' twarrab f'Marzu 2012 wara nuqqas ta' qbil dwar il-politika markroekonomika neċessarja, b'mod partikolari l-ħtieġa għal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-muniti barranin. F'Diċembru 2014, il-Fond Monetarju Internazzjonali fl-aħħar wasal għal fehim ġdid mal-Gvern tal-Honduras dwar politika makroekonomika u dan ġie implimentat b'suċċess minn dak iż-żmien 'l hawn. Madankollu, il-pajjiż jibqa' vulnerabbli għal xokkijiet esterni, b'mod partikolari b'rabta mat-tkabbir fl-ekonomija tal-Istati Uniti u l-prezz taż-żejt.

**26**
Miżuri ta' mitigazzjoni li ġew implimentati mill-Kummissjoni jinkludu d-djalogu, li kien partikolarment b'saħħtu u li permezz tiegħu l-kompetenza tal-Ministeru tal-Finanzi ssaħħet. L-assistenza teknika tintuża wkoll, b'mod partikolari biex tgħin fl-analiżi tas-sitwazzjoni, fil-valutazzjoni tar-riskji u biex isiru projezzjonijiet ekonomiċi. Il-kundizzjonijiet tal-Kummissjoni għall-iżburżar tal-fondi (ara l-***Anness IV***) kienu jinkludu r-rekwiżit għal politika makroekonomika orjentata lejn l-istabbiltà, li tkun kredibbli u rilevanti. Madankollu, ftit li xejn kien hemm dettalji dwar x'kien mistenni eżattament. Saret referenza għal għadd ta' indikaturi, iżda ma ġewx iddefiniti miri jew sollijiet. Għalhekk, id-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni ħadet biex timpenja u tiżborża l-appoġġ baġitarju ma kinux ibbażati fuq valutazzjoni strutturata biżżejjed dwar jekk il-progress kienx sodisfaċenti. Dan l-approċċ huwa ta' tħassib partikolari fir-rigward ta' deċiżjonijiet li ttieħdu matul is-snin li l-Honduras ma kellux ftehim mal-Fond Monetarju Internazzjonali billi r-riskju ta' qafas makroekonomiku instabbli kien akbar (ara l-paragrafu 25).

20 Il-qafas ta' valutazzjoni tar-riskji ġie introdott f'konformità mar-rakkomandazzjoni fir-Rapport Speċjali Nru 11/2010 tal-Qorti "Il-ġestjoni mill-Kummissjoni tas-Sostenn Baġitarju Ġenerali fil-pajjiżi AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja" (http://eca.europa.eu) u d-dokument COM(2011) 638 finali tat-13 ta' Ottubru 2011 "L-approċċ futur għall-appoġġ baġitarju tal-UE għal pajjiżi terzi".

27

Minħabba s-sitwazzjoni makroekonomika fl-2012 u n-nuqqas ta' qbil bejn il-pajjiż u l-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Kummissjoni, f'diversi okkażjonijiet, ma rrilaxxatx il-pagamenti tagħha ta' appoġġ baġitarju sakemm kien hemm titjib fil-prospetti għal stabbiltà makroekonomika u l-Fond Monetarju Internazzjonali kien qed jinnegozja ftehim ġdid. Din il-prattika tajba bagħtet sinjal qawwi lill-Gvern tal-Honduras li għen biex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata. Matul il-perjodu li l-Kummissjoni ma rrilaxxatx l-appoġġ baġitarju[21], hija madankollu ffirmat il-ftehim ta' finanzjament EuroFor li jipprevedi appoġġ baġitarju addizzjonali. Aħna nqisu li dan bagħat messaġġi kontradittorji li setgħu kienu ta' detriment għall-effettività tal-għajnuna.

### Ġestjoni tal-finanzi pubbliċi

28

Sistemi tajbin ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi huma kritiċi għall-implimentazzjoni tal-politika u t-twassil ta' servizzi pubbliċi, u huma għalhekk kundizzjoni ewlenija oħra għal appoġġ baġitarju effettiv. Il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Honduras hija affettwata minn dgħufijiet sinifikanti, iżda l-Gvern adotta pjanijiet suċċessivi biex itejjeb is-sitwazzjoni. Pjan ta' riforma[22] li ġie adottat f'Ġunju 2011 ma ssodisfax l-aspettattivi tal-Kummissjoni billi ma kienx dettaljat biżżejjed u ma kellux indikaturi u miri li kienu kwantifikabbli. Il-Kummissjoni qieset li l-pjan mtejjeb ta' riforma, ta' Mejju 2012, kien kredibbli għalkemm kien għadu pjuttost ġenerali.

29

Sar titjib fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, għalkemm mhux malajr daqs kemm mistenni. B'mod ġenerali, din tibqa' dgħajfa. Skont il-Kummissjoni, il-problemi li jippersistu huma:

(a) l-infiq tal-Gvern huwa ogħla mill-baġit approvat u mill-introjtu disponibbli;

(b) il-livell tal-arretrati tal-pagamenti jibqa' mhux magħruf;

(c) il-baġit mhuwiex immaniġġjat għalkollox permezz tal-kont uniku tat-teżor;

(d) l-effettività tal-Qorti tal-Awdituri tal-Honduras[23] hija limitata;

(e) il-pjattaforma elettronika għall-akkwist pubbliku mhijiex trasparenti;

(f) il-livell ta' korruzzjoni jibqa' problematiku.

21 B'kollox, l-appoġġ baġitarju għall-APN u l-PAPSAC ma ġiex rilaxxat għal 17 u għal 23 xahar rispettivament.

22 *"Plan para la mejora de la gestion, transparencia y escrutinio de las finanzas públicas 2012-2014".*

23 *"Tribunal Superior de Cuentas".*

30

Il-Kummissjoni għamlet sforzi biex timmitiga r-riskji fir-rigward tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

(a) Il-Kummissjoni kkontribwiet għall-valutazzjonijiet tan-Nefqa Pubblika u r-Responsabbiltà Finanzjarja, u l-azzjoni relatata mal-assistenza teknika, il-PAA-PIR, ipprovdiet il-kompetenza li wasslet biex isiru proposti għal azzjonijiet li huma aktar effiċjenti u meħtieġa. Ġew żviluppati kapaċitajiet fi ħdan il-Presidenza, il-Ministeru tal-Finanzi u l-unitajiet ta' kontroll intern. Ġiet ipprovduta wkoll assistenza għall-analiżi tar-riformi u tal-konformità mal-kundizzjonijiet għall-appoġġ baġitarju. Fl-aħħar nett, l-assistenza fuq terminu qasir intużat biex isir titjib fil-pjan ta' riforma, biex jiġu elaborati ċertifikati ta' disponibbiltà baġitarja sabiex jiġi evitat li jsir infiq baġitarju żejjed, u biex il-persunal jiġi familjarizzat mal-appoġġ baġitarju.

(b) Mill-2012 'il hawn, b'segwitu għall-abbozzar tal-istrateġija tagħha ta' djalogu ta' politika (ara l-paragrafu 42), il-Kummissjoni saret aktar attiva fid-djalogu ta' politika dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Il-fokus prinċipali ta' dan id-djalogu kien it-titjib għall-ġestjoni baġitarja, li kopra suġġetti bħad-dħul fiskali, it-trasparenza baġitarja u kontrolli fuq id-defiċit u l-infiq tas-settur pubbliku (eż. il-pagi). Id-djalogu kellu impatt pożittiv fuq, pereżempju, l-approvazzjoni tal-ewwel baġit pluriennali (għall-2016-2018) u l-introduzzjoni ta' ċertifikati tan-nefqa biex jiġi limitat l-infiq extrabaġitarju. Is-sistema taċ-ċertifikati tirrikjedi li l-ministeri jiżguraw li l-finanzjament ikun disponibbli qabel ma jsiru impenji.

(c) Il-kundizzjonijiet tal-Kummissjoni inkludew ir-rekwiżit[24] għal programm ta' titjib li jkopri prijoritajiet politiċi, programmi u proġetti, riformi, indikaturi, miri u linji bażi. Dan ir-rekwiżit ikkontribwixxa għall-adozzjoni tal-pjan ta' riforma 2011 (ara l-paragrafu 29). Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' riforma, mill-2012 'il hawn, il-Kummissjoni ħejjiet valutazzjonijiet strutturati tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi sabiex l-aspettattivi tar-riforma jkunu jistgħu jitqabblu mal-progress li jkun sar. Din hija prattika tajba – għalkemm peress li l-aspettattivi ma kinux iddefiniti tajjeb, mhuwiex ċar sa liema punt jew sa meta huwa mistenni li r-riformi jseħħu (ara l-***Kaxxa 4***).

24 Il-kundizzjoni ġiet inkluża fil-ftehim ta' finanzjament għall-APN.

Kaxxa 4

## Eżempji ta' aspettattivi mhux speċifiċi tar-riforma

- Tnaqqis sostanzjali li għandu jseħħ fl-ispejjeż extrabaġitarji mingħajr ma ngħatat l-ebda indikazzjoni ta' meta jew b'kemm.
- L-introduzzjoni ta' sistema ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti mingħajr ma ġiet speċifikata data ta' skadenza.
- L-użu ta' Kont Uniku tat-Teżor mingħajr ma ġiet speċifikata data ta' skadenza.
- Żieda li għandha sseħħ fil-kopertura tal-awditjar mingħajr ma ġiet speċifikata l-ebda mira.

### Id-Delegazzjoni tal-UE ma kellhiex il-kompetenza biex timmaniġġja l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju fuq il-post

**31**
Il-ħiliet meħtieġa għall-ġestjoni tal-appoġġ baġitarju huma differenti minn dawk meħtieġa għall-ġestjoni tal-proġetti. Id-Delegazzjoni tal-UE fil-Honduras ma kellhiex il-kompetenza makroekonomika u ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi neċessarja biex timmaniġġja l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju fuq il-post. Sal-2013, id-Delegazzjoni tal-UE kienet tiddependi fuq assistenza mid-Delegazzjoni reġjonali fin-Nikaragwa biex titratta kwistjonijiet ta' appoġġ baġitarju u għall-analiżi makroekonomika. Għalkemm id-Delegazzjoni fil-Honduras tista', sa ċertu punt, tiddependi fuq il-kwartieri ġenerali, in-nuqqas ta' kompetenza fil-pajjiż għadu jaffettwa l-ġestjoni tal-appoġġ baġitarju. Dan huwa partikolarment importanti fil-Honduras, fejn l-appoġġ baġitarju ġie pprovdut minkejja l-instabbiltà mkroekonomika kronika (ara l-paragrafi 25 u 26).

## L-azzjonijiet tal-UE ġeneralment taw l-outputs mistennija iżda dgħufijiet fl-għodod ta' monitoraġġ xekklu l-valutazzjoni tar-riżultati li nkisbu

**32**
Aħna eżaminajna jekk l-azzjonijiet kinux ġew implimentati kif ippjanat u jekk l-outputs twasslux kif kien intenzjonat. Eżaminajna wkoll jekk il-Kummissjoni timmonitorjax l-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-azzjonijiet tagħha kif xieraq.

### L-outputs mistennija ġeneralment twettqu, iżda kien hemm xi dewmien dovut prinċipalment għall-kuntest diffiċli

**33**
L-attivitajiet ippjanati taħt l-azzjonijiet tal-Kummissjoni fis-setturi prijoritarji eżaminati ġeneralment saru u, fil-biċċa l-kbira, l-outputs twettqu. Madankollu, fis-settur tas-sigurtà u l-ġustizzja, l-outputs inkisbu parzjalment biss. Dan kien dovut għall-kuntest diffiċli li segwa l-kolp ta' stat tal-2009 kif ukoll għall-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali ma kkooperawx biżżejjed fl-implimentazzjoni tal-proġetti. B'riżultat ta' dan, l-armonizzazzjoni tal-qafas legali, li kien wieħed mill-objettivi prinċipali tal-programm PASS, ma mmaterjalizzatx.

**34**
Għalkemm l-outputs ġeneralment inkisbu, kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni fis-setturi prijoritarji kollha minħabba l-kolp ta' stat tal-2009, in-nuqqas ta' qbil bejn il-pajjiż u l-Fond Monetarju Internazzjonali fil-perjodu 2012-2014 (ara l-paragrafu 35) u l-limitazzjonijiet fil-kapaċità li affettwaw lill-awtoritajiet nazzjonali.

35
Id-dewmien kien evidenti l-aktar fis-settur tal-forestrija, li fil-biċċa l-kbira kien ikkawżat mill-kolp ta' stat tal-2009. Wara l-kanċellazzjoni tal-programmi inizjali tal-forestrija fl-2009, il-Kummissjoni ma setgħetx tiffirma l-ftehimiet ta' finanzjament għall-MOSEF u l-EuroFor qabel it-tieni nofs tal-perjodu ta' programmazzjoni (2011 u 2013 rispettivament), u l-implimentazzjoni ma bdietx qabel tmiem il-perjodu (2012 u 2014). Sussegwentement, il-MOSEF ġie affettwat ukoll minn dewmien fl-ikkuntrattar u fl-implimentazzjoni. L-għotjiet lokali kollha u l-biċċa l-kbira mill-proġetti li kienu mmirati lejn l-Istitut tal-Konservazzjoni Forestali ġew iffirmati fl-aħħar xahar qabel id-data ta' skadenza finali għall-ikkuntrattar. B'riżultat ta' dan kollu, huwa probabbli li l-assistenza tal-UE għas-settur tal-forestrija se tibqa' fis-seħħ sal-2019 għalkemm inizjalment kien ippjanat li din tkun konkluża sal-2014.

## Minkejja l-użu ta' diversi għodod, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni wera xi dgħufijiet

36
Il-Kummissjoni użat bosta għodod biex timmonitorja l-appoġġ tal-UE, bħal indikaturi, żjarat fuq il-post, monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati u evalwazzjonijiet. L-għażla u l-użu ta' indikaturi kienet affettwata minn dgħufijiet.

(a) Kważi nofs l-indikaturi PASS ma kinux rilevanti biżżejjed billi ma kinux relatati mal-objettivi tal-azzjonijiet.

(b) Il-progress ta' xi wħud mill-objettivi tal-azzjonijiet ma kienx immonitorjat permezz ta' indikaturi. Xi eżempji jinkludu t-titjib tal-kwalità tas-servizz fis-settur tal-ilma u s-sanitazzjoni, it-tnaqqis tal-mortalità tal-ommijiet u tat-tfal u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti fis-settur tal-forestrija.

(c) Fis-settur tal-ilma u s-sanitazzjoni, l-indikaturi kienu relatati biss ma' attivitajiet u mhux ma' eżiti, u ma kinux kompletament konformi mal-istrateġiji nazzjonali. Pereżempju, irreferew għall-għadd ta' persuni li ngħataw aċċess ġdid jew aċċess imtejjeb għall-ilma u s-sanitazzjoni minflok ma rreferew għas-sehem nazzjonali ta' unitajiet domestiċi li kellhom aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb fiż-żoni rurali.

(d) Ta' spiss, l-indikaturi ma kellhomx linji bażi. Huwa neċessarju li jkun hemm punt ta' tluq preċiż biex jitkejjel il-progress u biex jiġi vvalutat jekk il-miri humiex realistiċi iżda wkoll ambizzjużi biżżejjed. Fejn ġew issettjati linji bażi, dawn mhux dejjem kienu affidabbli minħabba dgħufijiet fil-ġbir ta' *data* mill-awtoritajiet Hondurjani.

(e) Matul l-intervisti tagħna, il-Gvern tal-Honduras u diversi ministeri kellhom dubji dwar il-kwalità u r-rilevanza tad-*data* ta' monitoraġġ miġbura mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika, li xi kultant kienet differenti mid-*data* ta' monitoraġġ li pproduċew il-ministeri kkonċernati.

(f) F'xi każijiet l-indikaturi ma kinux kredibbli (eż. l-ebda qtugħ illegali tas-siġar) jew ġew iddefiniti biss wara li l-fondi kienu ġew impenjati. L-indikaturi u l-miri għall-APN ma ntgħażlux qabel ma ġie ffirmat il-ftehim ta' finanzjament.

**37**

Iż-żjarat fuq il-post intużaw ukoll mill-Kummissjoni bħala għodda ta' monitoraġġ. Għalkemm il-Kummissjoni ddokumentat iż-żjarat tagħha fuq il-post, dawn ma kinux ippjanati fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

**38**

Il-monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati twettaq minn konsulenti esterni matul jew wara l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet. Matul il-perjodu eżaminat, twettaq monitoraġġ f'kull settur prijoritarju u għall-azzjonijiet kollha li wrew progress sinifikanti. Il-konsulenti ħarġu rakkomandazzjonijiet li ma ngħatawx segwitu b'mod konsistenti. F'xi każijiet (APN) dan ġara peress li r-rakkomandazzjonijiet inħarġu biss lejn tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, filwaqt li f'xi każijiet oħra, kien sempliċiment minħabba l-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali ma ħadux l-azzjoni neċessarja biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet.

## Il-Kummissjoni għamlet sforzi tajbin biex ikun hemm djalogu ta' politika kostruttiv li jikkontribwixxi għal bidliet pożittivi

**39**

Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kellhiex approċċ strutturat għal djalogu ta' politika li kien jinkludi objettivi ċari, interazzjoni frekwenti, żamma ta' rekord tal-progress u l-valutazzjoni tar-riżultati. Eżaminajna wkoll jekk id-djalogu ta' politika kienx konformi mal-objettivi tal-azzjonijiet tal-UE, u jekk kienx attiv, kostruttiv u suffiċjenti biex jirriżulta f'impatt reali.

### Il-Kummissjoni żviluppat strateġiji rilevanti ta' djalogu ta' politika għall-biċċa l-kbira mis-setturi prijoritarji

**40**

It-termini tad-djalogu ta' politika tal-UE mal-Honduras ġew stabbiliti fil-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni (ara l-paragrafu 6) u fil-futur se jkunu koperti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (ara l-paragrafu 5). Il-qafas kumplessiv għad-djalogu ta' politika huwa xieraq. Mill-2012 'il hawn, id-Delegazzjoni tal-UE fil-Honduras żviluppat tmien strateġiji ta' djalogu ta' politika li jkopru l-politika makroekonomika, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, il-politika tal-iżvilupp, xogħol deċenti, is-sigurtà alimentari, il-forestrija, l-ilma u s-sanitazzjoni, u s-sistemi ta' kwalità għat-titjib tal-kompetittività.

41

Dawn l-istrateġiji, li ġew aġġornati fl-2013 u fl-2015, fihom l-objettivi għad-djalogu ta' politika. Huma jirrappreżentaw prattika tajba, għalkemm x'aktarx ixaqilbu lejn ġeneralitajiet and mhumiex ċari biżżejjed fir-rigward tal-għadd u l-livelli ta' kuntatti meħtieġa. Barra minn hekk, ma jipprovdux kopertura eżawrjenti: għad mhemmx strateġija ta' djalogu speċifika għat-tnaqqis tal-faqar jew għas-sigurtà u l-ġustizzja.

42

Aspetti importanti tad-djalogu ta' politika huma ddokumentati fir-rapporti dwar il-pajjiż imħejjija mid-Delegazzjoni għall-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni. Id-djalogu huwa wkoll iddokumentat parzjalment mill-maniġers tal-proġetti, li jibagħtu rapporti dwar laqgħat importanti lill-Kummissjoni ladarba jerġgħu lura fl-uffiċċju. Rapporti ta' dan it-tip intbagħtu, pereżempju, b'rabta mas-saħħa, l-edukazzjoni, il-forestrija u s-sistemi ta' kwalità għat-titjib tal-kompetittività. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' djalogu ta' politika ma ġietx id-dokumentata b'mod eżawrjenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma vvalutatx l-ilħuq tal-objettivi li kienu stabbiliti mill-istrateġiji tagħha ta' djalogu ta' politika.

## Id-djalogu ta' politika tal-Kummissjoni ffaċilita l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE u wassal għal xi titjib tanġibbli

43

Id-djalogu ta' politika huwa mmexxi mid-donaturi aktar milli mill-awtoritajiet nazzjonali, li huwa approċċ inqas tajjeb. Il-Kummissjoni għamlet sforz konsiderevoli biex ikollha djalogu ta' politika rilevanti u kostruttiv fil-livelli kollha. Meta d-djalogu jiġi kkoordinat ma' donaturi oħra, il-Kummissjoni tkun involuta fil-biċċa l-kbira mill-inizjattivi. Il-Kummissjoni twettaq ukoll djalogu b'mod bilaterali jew f'kumitati ta' tmexxija li jissorveljaw l-azzjonijiet li tiffinanzja, pereżempju fl-oqsma tal-forestrija jew tas-sigurtà u l-ġustizzja. B'mod ġenerali, id-djalogu tal-Kummissjoni jikkonforma mal-objettivi tal-azzjonijiet u kkontribwixxa għall-implimentazzjoni tagħhom.

44

Għalkemm l-UE hija waħda mid-donaturi prinċipali fil-Honduras, il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha matul il-perjodu li qed jiġi eżaminat ammontat għal medja ta' 0.2 % biss tal-PDG tal-pajjiż. Għalhekk, l-ingranaġġ li hija tista' tistenna li teżerċita permezz tad-djalogu ta' politika huwa limitat – ferm aktar baxx, pereżempju, minn dak tal-Istati Uniti li huwa l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Honduras. Madankollu, id-djalogu tal-Kummissjoni kellu wkoll impatt li mar lil hinn mill-objettivi tal-azzjonijiet. Pereżempju:

(a) Minbarra l-azzjonijiet tagħha, id-djalogu tal-Kummissjoni fis-settur tal-forestrija indirizza wkoll kwistjonijiet rilevanti oħra, bħall-ġlieda kontra l-infestazzjoni mill-ħanfus fil-qxur tas-siġar (bark beetle) u n-negozjati għal ftehim ta' sħubija volontarja bejn l-UE u l-Honduras dwar infurzar tal-liġi, tmexxija (governanza) u kummerċ fis-settur forestali. Dawn in-negozjati rnexxew, u ftehim li x'aktarx se jiġi ffirmat fl-2016 se jikkommetti lill-Honduras biex jinnegozja biss fi prodotti magħmulin minn injam maqtugħ b'mod legali u biex jiżviluppa sistema għall-verifikazzjoni tal-legalità tal-injam tiegħu. In-negozjati għenu wkoll biex isaħħu l-kapaċitajiet fis-settur tal-forestrija.

(b) Fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem[25], id-djalogu ta' politika tal-Kummissjoni kien strumentali għall-promozzjoni tal-ftuħ ta' Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-Honduras. Il-Gvern tal-Honduras esprima l-qbil tiegħu u l-Uffiċċju huwa mistenni li jinfetaħ f'qasir żmien. Il-Kummissjoni ppromwoviet b'suċċess xi riformi leġiżlattivi, bħal-liġi dwar il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Għenet ukoll biex tinħoloq pjattaforma għal djalogu mas-soċjetà ċivili dwar id-drittijiet tal-bniedem u għal skambju mal-Gvern.

## 45

Ċerti fatturi dgħajfu l-impatt potenzjali tad-djalogu tal-Kummissjoni:

(a) Aħna ftit li xejn sibna evidenza li l-Kummissjoni indirizzat, permezz tad-djalogu tagħha, xi wħud mill-oqsma appoġġati mill-APN. Pereżempju, kien hemm biss ftit laqgħat tekniċi bilaterali mal-awtoritajiet nazzjonali biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet kbar li kien hemm fl-ilħuq tal-miri għall-edukazzjoni[26]. Id-djalogu ma' donaturi oħra f'dan il-qasam kien ikopri aspetti ġenerali, bħas-sistemi ta' ġestjoni u l-att il-ġdid dwar l-edukazzjoni. Huwa ma ttrattax il-livelli għoljin ta' ripetizzjoni u ta' abbandun fl-edukazzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza li d-djalogu ta' politika tal-Kummissjoni kopra l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali tal-istatistika għall-2001-2015, jew ir-riforma tas-servizz ċivili, għalkemm din kienet parti intenzjonata mill-azzjoni.

(b) L-awtoritajiet Hondurjani mhux dejjem kienu riċettivi għad-djalogu ta' politika tal-Kummissjoni. Pereżempju, minkejja l-isforzi tal-UE, il-Gvern ma adottax politika nazzjonali fis-settur tas-sigurtà u l-ġustizzja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tippromwovi l-Osservatorju tal-Ġudikatura li twaqqaf bl-appoġġ tal-UE. Il-viżibbiltà u l-effettività tiegħu huma mhedda mill-appoġġ tal-Gvern għall-ħolqien ta' osservatorju differenti[27].

25 Dan il-qasam huwa relatat mill-qrib mas-sigurtà u l-ġustizzja.

26 Żewġ laqgħat fl-2011, waħda fl-2012 u waħda fl-2013.

27 L-osservatorju l-ieħor kien ippjanat mill-Missjoni kontra l-Korruzzjoni u l-Impunità fil-Honduras, li hija kummissjoni internazzjonali li twaqqfet biex tinvestiga l-korruzzjoni. L-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani pproponiet l-osservatorju biex l-awtoritajiet jingħataw appoġġ matul erba' snin għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati u għal riformi fis-sistema tal-ġustizzja.

## Fiċ-ċirkustanzi diffiċli tal-pajjiż, l-azzjonijiet tal-UE kkontribwew għal żviluppi pożittivi iżda s-sitwazzjoni ġenerali fil-Honduras tibqa' preokkupanti

**46**

Aħna eżaminajna wkoll jekk l-azzjonijiet tal-UE kellhomx impatt pożittiv. Biex nagħmlu dan, aħna vvalutajna l-iżviluppi fis-settur prijoritarju kif ukoll kull rabta bejn dawk l-iżviluppi u l-appoġġ tal-UE.

### Il-livell ta' faqar żdied

**47**

Minkejja ż-żieda fl-infiq soċjali, il-livell ta' faqar, ikkalkulat fuq il-bażi ta' introjtu u ta' ħtiġijiet bażiċi, żdied matul il-perjodu 2007-2015 (ara l-***Figura 3***). Għalkemm il-faqar jippredomina f'żoni rurali, il-faqar estrem wera żieda qawwija f'żoni urbani. Il-Honduras jibqa' wieħed mill-ifqar pajjiżi u mill-aktar inekwi[28] fl-Amerika Latina.

28 Il-koeffiċjent ta' Gini kien ta' 0.58 % fl-2014.

**Figura 3** Il-livell ta' faqar fil-Honduras (%)




*Sors:* L-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika.

## Edukazzjoni

### 48

Inkisbu għadd ta' riżultati pożittivi fl-edukazzjoni. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni adotta att ġdid dwar l-edukazzjoni[29] u bosta regolamenti. Il-qasam prinċipali ta' progress rikonoxxut mill-komunità internazzjonali huwa l-konformità mal-minimu ta' 200 ġurnata/sena ta' klassijiet fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika. Barra minn hekk, kull sena nfetħu madwar 400 ċentru ta' edukazzjoni prebażika f'żoni żvantaġġati, u t-titjib li sar fis-Sistema ta' Amministrazzjoni tar-Riżorsi Umani wassal għall-eliminazzjoni ta' madwar 15 000 post ta' għalliema fittizji.

### 49

Madankollu, il-mira għall-2015 iddefinita mill-Għanijiet tal-Millennju għall-għadd ta' tfal li jtemmu l-iskola primarja ma ntlaħqitx. Mis-seba' miri għall-2013 fil-pjan nazzjonali għall-2010-2022 (ara l-***Kaxxa 1***), tlieta biss intlaħqu[30]. Mill-indikaturi tal-edukazzjoni ddefiniti mill-Pjan tal-Gvern għall-2010-2014, 7 ma setgħux jitkejlu, 10 wrew progress tajjeb u 11 ma laħqux l-aspettattivi[31]. L-ebda waħda mit-tmien miri li kellhom jintlaħqu sal-2014 taħt l-APN ma ntlaħqet. Ir-riżultati għal sitta minnhom niżlu saħansitra taħt il-linja bażi[32].

### 50

Ma hemmx evidenza li l-APN kellu wisq impatt fis-settur tal-edukazzjoni. Għalkemm il-baġit tal-Ministeru tal-Edukazzjoni żdied b'mod sinifikanti matul l-2007-2010, dan imbagħad staġna matul l-implimentazzjoni tal-APN. Madankollu, l-effiċjenza żdiedet, b'titjib fl-allokazzjoni finanzjarja għall-edukazzjoni prebażika u bi tnaqqis fl-ispejjeż għas-salarji minn 55 % tan-nefqa fl-2007 għal 49 % fl-2014.

## Saħħa

### 51

Erbgħa mill-ħames miri tal-APN relatati mas-saħħa, intlaħqu. L-għadd ta' twelid istituzzjonali żdied, kif żdiedet ukoll ir-rata ta' kura qabel u wara l-ħlas. L-għadd ta' konsultazzjonijiet mediċi f'ċentri rurali żdied ukoll. L-objettiv kumplessiv tal-APN fil-qasam tas-saħħa ntlaħaq, billi r-rati ta' mortalità tal-ommijiet u tat-tfal naqsu kemxejn matul il-perjodu eżaminat. Madankollu, il-miri li ġew stabbiliti mill-pjan nazzjonali għas-saħħa għall-2010-2014 u mill-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju ma ntlaħqux (ara t-***Tabella 1***).

29 Liġi Ġenerali dwar l-Edukazzjoni ("*Ley Fundamental de Educación*").

30 L-għadd ta' ġranet l-iskola, ir-rati ta' edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell, u l-għadd medju ta' snin l-iskola.

31 Kif ġie konkluż mill-Qorti tal-Awdituri tal-Honduras.

32 Il-kopertura netta ta' edukazzjoni prebażika, il-kopertura netta tat-tielet ċiklu ta' edukazzjoni bażika, kompetenza fil-matematika fit-tielet grad ta' edukazzjoni bażika, ir-rata ta' tfal li jabbandunaw is-sistema, kompetenza fl-Ispanjol kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni ċikli ta' edukazzjoni bażika.

Tabella 1

## Rati ta' mortalità tal-ommijiet u tat-tfal

| | | Rata ta' mortalità tat-tfal (għal kull 1 000 tarbija li titwieled ħajja) | Rata ta' mortalità tal-ommijiet (għal kull 100 000 tarbija li titwieled ħajja) |
|---|---|---|---|
| Is-sitwazzjoni fl-2009 | | 26 | 108 |
| Miri | Il-Pjan nazzjonali għas-saħħa għall-2010-2014 (miri għall-2014) | 15 | 60 |
| | L-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (miri għall-2015) | 16 | 45 |
| Is-sitwazzjoni fl-2014 | | 24 | 73 |

*Sors:* L-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika, il-Pjan nazzjonali għas-saħħa, l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

**52**
Madankollu, l-eżistenza tar-rieda politika neċessarja ġiet iddimostrata biż-żieda sinifikanti fil-baġit tal-Ministeru tas-Saħħa fil-perjodu 2007-2015 u bl-isforzi li saru biex l-infiq isir aktar effiċjenti. F'dan ir-rigward, l-infiq mill-amministrazzjoni ċentrali naqas, u l-ispejjeż għas-salarji niżlu minn 18 % għal 15.4 % tan-nefqa. Flimkien ma' donaturi oħra, l-UE kellha sehem f'dan it-titjib. Madankollu, dgħufijiet strutturali, tifqigħat rikorrenti ta' mard[33] u bidliet ministerjali frekwenti kienu ta' xkiel għal aktar progress.

### Ilma u sanitazzjoni

**53**
Il-Honduras għandu rata relattivament għolja ta' aċċess għall-ilma (86 % tal-unitajiet domestiċi fl-2012) u għas-sanitazzjoni (80 % tal-unitajiet domestiċi fl-2012)[34]. Dan huwa qrib, jew jaqbeż, l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju għall-2015 (88 % u 75 % rispettivament). Madankollu, hemm disparitajiet sinifikanti bejn iż-żoni rurali u dawk urbani. L-ilma tajjeb għax-xorb jippreżenta wkoll sfida kbira. Huwa stmat li 10 % biss mill-popolazzjoni rurali għandha aċċes għall-ilma trattat bil-kloru, meta mqabbel ma' 70 % mill-popolazzjoni li tgħix f'żoni urbani[35]

**54**
Minn mindu nbdiet l-implimentazzjoni tal-PAPSAC fl-2012, ma sar l-ebda titjib fl-aċċess għall-ilma tal-vit (ara l-***Figura 4***) u fir-rati ta' sanitazzjoni[36] minħabba li ma kienx hemm livelli suffiċjenti ta' investiment[37]. Il-baġit allokat għall-fornitur nazzjonali tal-ilma[38] żdied fil-perjodu 2007-2014, iżda l-fondi addizzjonali riċevuti mill-fornitur tas-servizzi ġew assorbiti prinċipalment minn infiq mhux diskrezzjonarju bħal salarji u pagamenti ta' dejn.

33 Bħaċ-chikungunya, id-dengue, il-malarja u d-deni Zika.

34 L-Istħarriġ Nazzjonali Demografiku u dwar is-Saħħa 2011-2012, ir-Rapport tal-Gvern dwar il-Pjan Nazzjonali 2010-2014 u *Foro Nacional de Convergencia*, organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp.

35 Il-Programm nazzjonali għat-titjib tal-kwalità tal-ilma tajjeb għax-xorb, li huwa parti mill-Pjan Nazzjonali għall-Ilma Tajjeb għax-Xorb u għas-Sanitazzjoni.

36 Il-Programm Konġunt ta' Monitoraġġ tad-WHO/l-UNICEF għall-provvista tal-ilma u s-sanitazzjoni, il-Honduras. Aġġornat f'Ġunju 2015. Kif ukoll *data* miksuba mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika.

37 Il-Bank Dinji, 2013. Honduras - A Public Expenditure Review: Decentralisation of water and sanitation services (Il-Honduras - Eżaminar tan-Nefqa Pubblika: Deċentralizzazzjoni tas-servizzi tal-ilma u tas-sanitazzjoni).

38 *Servicio Autónomo Nacional de Acueductos y Alcantarillados.*

Figura 4

## Unitajiet domestiċi li għandhom aċċess għall-ilma tal-vit fil-Honduras




*Sors:* L-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika.

**55**
F'dan il-kuntest, il-kontribuzzjoni mill-UE għas-settur kienet relattivament limitata. L-awtoritajiet nazzjonali użaw finanzjament minn bosta donaturi biex jipprovdu aċċess għall-ilma u s-sanitazzjoni lil 13 957 persuna, filwaqt li saħħew ukoll 20 bord muniċipali tal-ilma u unitajiet lokali ta' superviżjoni u kontroll, stabbilew tliet kunsilli tal-baċiri tax-xmajjar u approvaw il-Pjan Nazzjonali għall-Ilma Tajjeb għax-Xorb u s-Sanitazzjoni u r-regoli finanzjarji relatati.

### Sistemi ta' kwalità għat-titjib tal-kompetittività

**56**
Il-miri tal-PAPSAC intlaħqu. Dawn kienu miri tal-output relatati mal-għadd ta' proċessi akkreditati, ta' prodotturi ċċertifikati u ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni. Madankollu, l-impatt aħħari ta' dan l-appoġġ fuq il-kompetittività tal-prodotti Hondurjani ma jistax jitkejjel. Hemm indikazzjonijiet li l-impatt kien pjuttost limitat. Mill-2012 sal-2015, l-esportazzjonijiet żdiedu kemxejn f'termini ta' volum iżda naqsu kuplessivament f'termini ta' valur. Il-volum tal-esportazzjonijiet għall-UE varja, iżda l-ogħla livell tal-2011[39] ma reġax intlaħaq sussegwentement minkejja l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-2012 (ara l-paragrafu 5).

39 2 800 miljun kilogramma b'valur totali ta' USD 2 100 miljun (*sors:* Il-Bank Ċentrali tal-Honduras).

## L-appoġġ tal-UE wassal għal riformi fil-ġestjoni tal-forestrija, iżda għadu kmieni wisq biex jiġi osservat impatt ġenerali

### 57

L-appoġġ tal-UE għas-settur tal-forestrija wassal għal riformi addizzjonali. Il-kombinament ta' appoġġ għall-proġetti mal-possibbiltà li jingħata appoġġ baġitarju speċifiku għas-settur mill-UE, ħaffef il-formulazzjoni u l-adozzjoni fl-2013 ta' politika settorjali unika li tat is-setgħa lill-Istitut tal-Konservazzjoni Forestali. L-appoġġ tal-UE kkontribwixxa wkoll għal riformi mmirati lejn it-titjib tal-governanza fis-settur, it-tisħiħ tal-ġestjoni forestali fil-livell muniċipali u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi.

### 58

Ir-riformi għadhom ma kisbux impatt ġenerali sinifikanti. Il-perċentwal tal-art forestali fil-Honduras fil-fatt naqas minn 59 % fl-2011 għal 48 % fl-2014[40]. Dan mhux biss naqqas il-kopertura forestali tal-pajjiż iżda affettwa wkoll il-bijodiversità. Fattur prinċipali li kkontribwixxa għal dan kien it-tnaqqis fl-erja taħt ġestjoni forestali, kif intwera mit-tnaqqis fl-għadd ta' pjanijiet ta'ġestjoni forestali[41]. B'riżultat ta' dan, wieħed minn kull żewġ ettari ma baqax suġġett għal pjan ta' ġestjoni. Konsegwentement, sar diffiċli biex kwistjonijiet trażversali, bħan-nirien fil-foresti, jiġu indirizzati. L-għadd ta' nirien u l-erja affettwata baqgħu dejjem jiżdiedu mill-2012 'il hawn.

### 59

Ir-raġunijiet għalfejn sa issa ma jidhirx li hemm impatt sinifikanti jinkludu dan li ġej:

(a) It-tisħiħ tal-Istitut tal-Konservazzjoni Forestali kien affettwat minn dewmien leġiżlattiv. B'riżultat ta' dan, l-Istitut ma kienx qed jopera bil-forza sħiħa saż-żmien meta nbeda l-EuroFor. Din kienet opportunità mitlufa biex jinkiseb titjib fl-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-politika forestali inġenerali u l-EuroFor b'mod partikolari.

(b) L-awtoritajiet nazzjonali ftit li xejn għamlu użu mir-riżorsi baġitarji addizzjonali li rriżultaw mill-appoġġ tal-UE biex jilħqu l-objettivi tas-settur tal-forestrija[42].

(c) Is-settur iffaċċja sfidi addizzjonali sinifikanti, bħall-infestazzjoni mill-ħanfus fil-qxur tas-siġar (ara l-paragrafu 44 (a)).

40 Kotba annwali tal-Honduras dwar l-Istatistika tal-Forestrija għall-2011 u l-2014.

41 Pjan ta' ġestjoni forestali huwa dokument tekniku, legali u operazzjonali li jistipula kif foresta partikolari għandha tiġi mmaniġġjata b'mod sostenibbli matul perjodu ta' mill-inqas ħames snin. Huwa jinkludi objettivi, pjan ta' investiment u programm ta' azzjoni.

42 Il-fondi ttrasferiti kull sena mit-Teżor Nazzjonali tal-Honduras lill-Istitut tal-Konservazzjoni Forestali ma żdidux fl-2013 u fl-2014. Kien hemm żieda fl-2015 (EUR 1.3 miljun), iżda din kienet ferm inqas mill-appoġġ baġitarju tal-UE li kien ġie żburżat sa dak iż-żmien (EUR 1.8 miljun).

## L-appoġġ tal-UE għen lill-istituzzjonijiet tal-ġustizzja u tas-sigurtà pubblika biex jaħdmu flimkien aktar mill-qrib, iżda s-sitwazzjoni fil-pajjiż tibqa' kritika

**60**
Mill-2011 'il hawn, il-momentum tal-ġlieda kontra l-vjolenza, l-impunità u l-korruzzjoni fil-Honduras żdied b'mod konsiderevoli. Bl-appoġġ tal-UE, dan irriżulta f'xi progress. Il-kumitati ta' tmexxija tal-PASS u tal-Eurojusticia tejbu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja u tas-sigurtà pubblika, u wieħed mir-riżultati pożittivi ta' dan kien li tfaċċaw ftehimiet interistituzzjonali, pereżempju, dwar it-taħriġ kondiviż. Madankollu, il-koordinazzjoni interistituzzjonali tibqa' limitata minħabba l-fatt li kull istituzzjoni ssegwi l-istrateġija proprja tagħha. Barra minn hekk, l-inizjattivi biex tiġi adottata politika nazzjonali unika fis-settur tas-sigurtà u l-ġustizzja u l-qafas legali biex jiġi armonizzat ma rnexxewx minħabba dgħufijiet istituzzjonali u l-kuntest diffiċli li segwa l-kolp ta' stat tal-2009.

**61**
Il-vjolenza mxerrda ma' kullimkien tibqa' problema. Filwaqt li r-rata ta' omiċidji ma tirriflettix perfettamenmt is-sitwazzjoni ġenerali tas-sigurtà, hija indikatur importanti (ara l-***Figura 5***). Minkejja li tnaqqis mill-2012 'il hawn kien hemm tnaqqis fr-rata ta' omiċidji, din tibqa' għolja ħafna għar-reġjun (inqas minn 30 każ ta' żwiet għal kull 100 000 abitant fl-Amerika Ċentrali) u meta mqabbla mal-istandards globali (inqas minn 10 każijiet ta' mwiet għal kull 100 000 abitant[43]).

43 Global Study on Homicide 2013 (Studju Globali dwar l-Omiċidji 2013) tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, disponibbli fuq https://www.unodc.org/gsh/

**Figura 5** Rata annwali ta' omiċidji għal kull 100 000 abitant fil-Honduras




*Sors:* Il-pulizija tal-Honduras.

62
Hemm interpretazzjonijiet differenti fir-rigward tar-raġunijiet għat-tnaqqis fir-rata ta' omiċidji. Il-gvern iserraħ fuq approċċ iebes, pereżempju bl-iskjerament ta' pulizija militari, minflok ma jiffoka aktar fuq il-prevenzjoni. Filwaqt li huwa possibbli li l-attivitajiet ta' prevenzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-sigurtà pubblika kkontribwew għat-tnaqqis fir-rata, ma teżistix videnza konkreta dwar dan. Billi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE kienet relattivament żgħira u xi wħud mill-objettivi prinċipali tal-PASS ma ntlaħqux, huwa probabbli li l-impatt tal-finanzjament mill-UE kien pjuttost limitat.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



**63**
L-awditu eżamina l-effettività tal-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp lis-setturi prijoritarji fil-Honduras. Aħna sibna li, fiċ-ċirkustanzi diffiċli tal-pajjiż, l-azzjonijiet tal-UE kienu rilevanti, ġeneralment taw l-outputs mistennija, u kkontribwew għal għadd ta' żviluppi pożittivi f'dawn is-setturi. Fl-istess ħin, is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż tibqa' preokkupanti. Il-livell ta' faqar żdied, l-erja ta' art forestali naqset u għad hemm vjolenza mxerrda ma' kullimkien u rata għolja ħafna ta' omiċidji. Sibna wkoll dgħufijiet fil-mod ta' kif il-Kummissjoni mmaniġġjat l-assistenza tal-UE. Ibbażat fuq dawn l-elementi, aħna nikkonkludu li l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp lis-setturi prijoritarji fil-Honduras kien parzjalment effettiv.

**64**
L-approċċ li l-Kummissjoni ħadet biex tipprovdi appoġġ għall-iżvilupp fil-Honduras kien imirat kif imiss lejn oqsma bi ħtiġijiet importanti li, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, kienu koperti minn strateġiji nazzjonali li kienu kemm rilevanti kif ukoll kredibbli. Madankollu, il-flessibbiltà tal-approċċ kienet tfisser li diversi oqsma rċevew l-appoġġ tal-UE għal perjodu ta' żmien relattivament qasir biss, u dan żied ir-riskju li l-impatt potenzjali tiegħu jiġi pperikolat. Barra minn hekk, aħna sibna li l-azzjonijiet tal-UE għat-twassil tal-appoġġ kellhom objettivi ġenerali ħafna, u għaldaqstant l-assistenza finanzjarja kienet mifruxa fuq ħafna oqsma jew ma kinitx tindirizza xi wħud mill-ħtiġijiet prijoritarji. Għalkemm fil-Honduras hemm struttura tajba ta' koordinazzjoni tad-donaturi, il-kollaborazzjoni effettiva kienet relattivament limitata u dan, f'xi każijiet speċifiċi, wassal għal trikkib fl-appoġġ. Madankollu, il-Kummissjoni qed tagħmel sforzi biex mill-2018 tinbeda programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri tal-UE (ara l-paragrafi 12 sa 20).

## Rakkomandazzjoni 1 – Jissaħħaħ l-approċċ tal-UE billi jittejbu l-konsistenza u l-fokus tiegħu

Għall-bidla li jmiss fl-istrateġija tagħha għall-appoġġ ipprovdut lis-setturi prijoritarji fil-Honduras, jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ l-approċċ tagħha billi:

(a) tiżgura li l-appoġġ lis-setturi prijoritarji jiġi pprovdut għal perjodu twil biżżejjed biex il-miri stabbiliti jkunu jistgħu jintlaħqu;

(b) tillimita l-fokus tal-azzjonijiet tagħha fuq għadd iżgħar ta' oqsma li jkunu ddefiniti tajjeb u li jkunu jinvolvu l-għoti ta' assistenza lil għadd limitat ta' istituzzjonijiet;

(c) tkompli bl-isforzi tagħha biex tinbeda programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri tal-UE u biex tikkoordina aħjar l-approċċ tagħha ma' donaturi oħra.

**65**
Il-Kummissjoni pprovdiet parti sinifikanti mill-assistenza finanzjarja tagħha fl-għamla ta' appoġġ baġitarju, u b'hekk ġeneralment appoġġat strateġiji nazzjonali li kienu kemm rilevanti kif ukoll kredibbli. Madankollu, id-Delegazzjoni tal-UE ma kellhiex il-kompetenza makroekonomika u ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi neċessarja biex timmaniġġja l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju fuq il-post. Barra minn hekk, il-provvediment ta' appoġġ baġitarju fil-Honduras jinvolvi riskji sostanzjali relatati mal-qafas makroekonomiku u mal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni setgħet timmitiga dawn ir-riskji parzjalment permezz ta' djalogu u ta' assistenza teknika, u billi stabbiliet kundizzjonijiet li kellhom jiġu ssodisfati qabel ma sar l-iżburżar tal-appoġġ baġitarju. Il-Kummissjoni ma vvalutatx l-eliġibbiltà għal appoġġ baġitarju b'mod strutturat biżżejjed biex turi jekk il-progress mistenni kienx qed jinkiseb f'konformità ma' punti ta' riferiment immirati u ddefiniti b'mod ċar. F'każ wieħed, hija għamlet impenn biex twassal l-appoġġ baġitarju filwaqt li fl-istess ħin ma għamlitx żborżamenti minħabba f'nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà. Dan bagħat messaġġi inkonsistenti lill-pajjiż sieħeb li pperikolaw l-effettività tal-għajnuna (ara l-paragrafi 21 sa 31).

## Rakkomandazzjoni 2 – Tissaħħaħ il-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju

Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ aktar il-ġestjoni tal-operazzjonijiet tagħha ta' appoġġ baġitarju billi:

(a) tiżgura l-konsistenza tal-messaġġi li jingħataw meta tkun qed tieħu deċiżjonijiet dwar kuntratti ġodda ta' appoġġ baġitarju. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevita li tagħmel impenji relatati mal-appoġġ baġitarju filwaqt li fl-istess ħin ma tagħmilx żborżamenti, minħabba li kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà relatati mal-qafas makroekonomiku u/jew mal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi ma jkunux ġew issodisfati;

(b) tistruttura aħjar il-valutazzjonijiet futuri tagħha tal-eliġibbiltà għal appoġġ baġitarju biex turi jekk il-progress mistenni jkunx qed jinkiseb f'konformità ma' punti ta' riferiment immirati u ddefiniti b'mod ċar;

(c) tiżgura, fir-rotazzjoni li jmiss tal-persunal tad-delgazzjoni, li d-Delgazzjoni tal-UE fil-Honduras tikseb aktar kompetenza fil-qasam makroekonomiku u dak ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

**66**
Il-biċċa l-kbira mill-attivitajiet u l-outputs ippjanati għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni twettqu, għalkemm b'dewmien sinifikanti li fil-biċċa l-kbira kien dovut għal fatturi esoġeni. Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni li twettaq mill-Kummissjoni kien affettwat minn dgħufijiet fl-għażla u fl-użu ta' indikaturi, fl-ippjanar ta' żjarat fuq il-post, fit-twaqqit tal-monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati u fis-segwitu tar-rakkomandazjonijiet li rriżultaw. (ara l-paragrafi 32 sa 38).

### Rakkomandazzjoni 3 – Jissaħħaħ il-kejl tal-prestazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE

Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ aktar il-kejl tal-prestazzjoni tal-azzjonijiet futuri tal-UE billi tagħżel fil-waqt indikaturi tal-prestazzjoni li jkunu suffiċjenti, rilevanti u kwantifikabbli, u billi tistabbilixxi linji bażi għalihom. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li hija tqis il-possibbiltà li ssaħħaħ is-sistemi nazzjonali għall-kisba ta' *data* affidabbli dwar xejriet demografiċi u xejriet oħra, b'mod partikolari l-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika. Jenħtieġ ukoll li hija ttejjeb it-twaqqit tal-monitoraġġ tagħha orjentat lejn ir-riżultati u li ssegwi b'mod sistematiku r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw.

**67**

Il-Kummissjoni żviluppat strateġiji ta' djalogu biex tistruttura d-djalogu ta' politika tagħha f'diversi oqsma mal-Gvern tal-Honduras. Din hija prattika tajba, għalkemm dawn l-istrateġiji għandhom tendenza li jkunu pjuttost ġenerali u ma jkopru x l-oqsma rilevanti kollha, bħat-tnaqqis tal-faqar u s-sigurtà u l-ġustizzja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għamlitx valutazzjonijiet bil-miktub tal-livell sa fejn intlaħqu l-objettivi stabbiliti mill-istrateġiji ta' djalogu tagħha. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni għamlet sforz sostanzjali fil-livelli kollha biex tikseb djalogu ta' politika rilevanti u kostruttiv, li kkontribwixxa għall-ilħuq tal-objettivi tal-azzjonijiet tal-UE (ara l-paragrafi 39 sa 45).

### Rakkomandazzjoni 4 – Jissaħħaħ id-djalogu ta' politika fis-setturi prijoritarji

Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ aktar id-djalogu ta' politika tagħha fis-setturi prijoritarji qabel l-2018 billi tiġġeneralizza l-użu ta' strateġiji ta' djalogu fl-oqsma rilevanti kollha. Ikun tajjeb li dan ikun jinkludi definizzjoni ċara tar-riżultati/l-eżiti ta' djalogu mistennija. Jenħtieġ li sussegwentement il-Kummissjoni tagħmel valutazzjonijiet bil-miktub tal-punt sa fejn l-objettivi tal-istrateġiji ta' djalogu tagħha jkunu ntlaħqu.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-25 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Klaus-Heiner LEHNE
*President*

## Mappa tal-Honduras




Kartografija: L-Eurostat — GISCO, 06/2016

Limiti amministrattivi: © EuroGeographics © UN-FAO © Geonames

## Allokazzjonijiet indikattivi lis-setturi prijoritarji fil-Honduras għall-2007-2013 u għall-2014-2020

| Perjodu | 2007-2013 | | 2014-2020 |
|---|---|---|---|
| **Settur Prijoritarju** | **Tnaqqis tal-faqar** | | **Sigurtà alimentari** |
| **Oqsma koperti** | PIN 1 (2007-2010) | PIN 2 (2011-2013) | |
| | Edukazzjoni | Ilma u sanitazzjoni | Agrikoltura familjari |
| | Saħħa | Tisħiħ tas-sistemi ta' kwalità | |
| **Ammont għas-Settur Prijoritarju (f'miljun EUR)** | 65.5 | 45.5 | |
| | **111** | | **100** |
| **Settur Prijoritarju** | **Riżorsi naturali** | | |
| **Oqsma koperti** | PIN 1 (2007-2010) | PIN 2 (2011-2013) | |
| | Forestrija | Forestrija | |
| | | Sorsi ta' enerġija rinnovabbli | |
| | | Effiċjenza enerġetika | |
| **Ammont għas-Settur Prijoritarju (f'miljun EUR)** | 21 | 47 | |
| | **68** | | |
| **Settur Prijoritarju** | **Ġustizzja u sigurtà pubblika** | | **Stato di diritto** |
| **Oqsma koperti** | PIN 1 (2007-2010) | PIN 2 (2011-2013) | Ġlieda kontra l-korruzzjoni<br>Żieda fil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini |
| | Sigurtà | Bidla *de facto* minn Sigurtà (PASS) għal Ġustizzja (Eurojusticia) | |
| **Ammont għas-Settur Prijoritarju (f'miljun EUR)** | 41 | 3 | |
| | **44** | | **40** |
| **Settur Prijoritarju** | | | **Impjieg** |
| **Oqsma koperti** | | | Impjieg deċenti u protezzjoni soċjali |
| **Ammont għas-Settur Prijoritarju (f'miljun EUR)** | | | **85** |
| | | | **Miżuri ta' appoġġ** |
| | | | **10** |
| **Ammont Totali (Miljun)** | **223** | | **235** |

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

## Appoġġ bilaterali lill-Honduras: deċiżjonijiet matul l-2007-2015 (f'EUR)

| *Sena tad-deċiżjoni* | *Isem il-programm* | *Allokat inizjalment* | *Ikkuntrattat sal-31.12.2015* | *Imħallas sal-31.12.2015* |
|---|---|---|---|---|
| **Programmi għall-2007-2013** | | **219 100 000.00** | **180 704 286.95** | **116 339 650.22** |
| **Tnaqqis tal-faqar** | | **102 600 000.00** | **81 004 660.17** | **68 906 315.17** |
| 2008 | Apoyo Presupuestario al Plan de Nación (APN) | 60 500 000.00 | 38 921 310.17 | 38 921 310.17 |
| 2011 | Programa de Apoyo Presupuestario Sectorial Agua y Calidad (PAPSAC) | 42 100 000.00 | 42 083 350.00 | 29 985 005.00 |
| **Riżorsi naturali** | | **68 000 000.00** | **66 387 310.95** | **26 655 622.36** |
| 2010 | Modernización del sector forestal (MOSEF) | 47 000 000.00 | 46 420 000.00 | 11 781 637.00 |
| 2012 | Programa de Apoyo Europeo al Sector Forestal - EuroFor | 21 000 000.00 | 19 967 310.95 | 14 873 985.36 |
| **Sigurtà u Ġustizzja** | | **36 500 000.00** | **19 148 940.82** | **10 306 872.92** |
| 2007 | Programa de Apoyo al Sector Seguridad en Honduras (PASS) Fase 1 | 9 000 000.00 | 6 811 509.16 | 6 588 572.38 |
| 2013 | Promoviendo una Justicia Rápida y Accesible en Honduras (Eurojusticia) | 27 500 000.00 | 12 337 431.66 | 3 718 300.54 |
| **Programmi oħra għall-2007-2013** | | **12 000 000.00** | **14 163 375.01** | **10 470 839.77** |
| 2008 | Proyecto de Apoyo a la Modernización de la Administración Pública y a la Integración Regional (PAAPIR) | 5 000 000.00 | 7 548 932.69 | 6 264 996.94 |
| 2009 | Phasing Out - Programa de Apoyo a la Seguridad Alimentaria en Honduras (PASAH) | 2 000 000.00 | 1 978 008.79 | 1 978 008.79 |
| 2011 | Programa de Apoyo a los Derechos Humanos (PADH) | 5 000 000.00 | 4 636 433.53 | 2 227 834.04 |
| **Programmi għall-2014-2020** | | **53 200 000.00** | **13 395 500.00** | **2 479 100.00** |
| **Sigurtà alimentari** | | **30 000 000.00** | **3 997 700.00** | **799 540.00** |
| 2014 | Seguridad Alimentaria, Nutrición y Resiliencia en el Corredor Seco (EUROSAN) | 30 000 000.00 | 3 997 700.00 | 799 540.00 |
| **Impjieg** | | **11 600 000.00** | **4 698 900.00** | **839 780.00** |
| 2014 | Fortalecimiento Institucional del Empleo Decente y la Seguridad Social en Honduras (EURO +LABOR) | 11 600 000.00 | 4 698 900.00 | 839 780.00 |
| **Stat tad-dritt** | | **-** | **-** | **-** |
| | - | - | - | - |
| **Programmi oħra għall-2014-2020 (Assistenza teknika)** | | **10 000 000.00** | **5 952 150.00** | **1 187 830.00** |
| 2014 | Medidas de Apoyo al Desarrollo Institucional y a la Gestión de Políticas (MADIGEP) | 10 000 000.00 | 5 952 150.00 | 1 187 830.00 |
| **TOTALI** | | **272 300 000.00** | **194 099 786.95** | **118 818 750.22** |

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

Anness IV

## Kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet ta' finanzjament għal azzjonijiet tal-UE

| Azzjoni | Ġestjoni tal-finanzi pubbliċi | Trasparenza baġitarja u sorverljanza | Stabbiltà makroekonomika | Tnaqqis tal-faqar | Forestrija |
|---|---|---|---|---|---|
| **APN** | Progress sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-programm ta' Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi. Ibbażat fuq il-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni tan-Nefqa Pubblika u r-Responsabbiltà Finanzjarja, preżentazzjoni u implimentazzjoni ta' programm pluriennali ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi li jinkludi:<br>• prijoritajiet politiċi;<br>• programmi u proġetti;<br>• miżuri ta' politika (riformi);<br>• indikaturi, miri, linji bażi oġġettivi li jkunu speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, rilevanti u marbutin mal-ħin;<br>• baġit pluriennali.<br>Fit-tielet u r-raba' sena: It-twettiq u l-pubblikazzjoni ta' Valutazzjoni tan-Nefqa Pubblika u r-Responsabbiltà Finanzjarja. | | Valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' politika makroekono-mika għas-salvagwardja tal-istabbiltà ekonomika. Ibbażata fuq:<br>Preżentazzjoni annwali ta' strateġija makroekonomika aġġornata li turi l-miżuri makroekonomiċi u monetarji prinċipali kif ukoll ir-riżultati u l-evoluzzjoni tal-varjabbli makroekonomiċi prinċipali.<br>Implimentazzjoni sodisfaċenti tal-politika makroekonomika u monetarja, b'fokus speċjali fuq:<br>• l-inflazzjoni<br>• il-livell ta' riżervi grossi<br>• il-bilanċ tal-kont kurrenti estern<br>• id-dħul mit-taxxa<br>• id-dejn pubbliku | Valutazzjoni sodisfaċenti mill-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Gvern. Ibbażata fuq:<br>Fl-ewwel sena: Preżentazzjoni u pubblikazzjoni tal-Pjan tal-Gvern.<br>Pubblikazzjoni u preżentazzjoni annwali ta' rapport dwar l-impli-mentazzjoni tal-Pjan tal-Gvern bl-informazzjoni li ġejja:<br>• il-livell ta' lħuq tal-miri u l-indikaturi<br>• il-livell ta' kisba tal-politiki<br>• l-eżekuzzjoni tal-baġit | |

## Anness IV

| Azzjoni | Ġestjoni tal-finanzi pubbliċi | Trasparenza bağitarja u sorverljanza | Stabbiltà makroekonomika | Tnaqqis tal-faqar | Forestrija |
|---|---|---|---|---|---|
| **PAPSAC** | Progress sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-programm ta' Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi u/jew tar-riforma tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, b'enfasi partikolari fuq:<br>• il-politika u l-amministrazzjoni fiskali;<br>• is-sistema integrata ta' ġestjoni tal-finanzi;<br>• il-kredibbiltà, it-trasparenza, il-kontroll u l-awditjar tal-baġit;<br>• l-implimentazzjoni ta' politika komprensiva kontra l-korruzzjoni;<br>• is-sistemi ta' xiri;<br>• l-ibbaġitjar xieraq ta' ħlasijiet parzjali. | | Progress sodisfaċenti fiż-żamma ta' politika makroekonomika stabbli b'fokus partikolari fuq:<br>• il-kontroll ta' nfiq fuq salarji u pagi<br>• il-kontroll ta' dejn mhux fiss (floating debt)<br>• id-deficit tal-gvern ċentrali<br>• il-ħlas ta' dejn<br>• progress fl-implimentazzjoni tal-Liġi dwar is-Servizz Ċivili<br>• il-livell ta' riżervi internazzjonali | Fis-settur tal-ilma u s-sanitazzjoni, preżentazzjoni ta' rapporti li juru progress:<br>• Fit-tisħiħ tat-tmexxija tal-Kunsill Nazzjonali għall-ilma tajjeb għax-xorb u s-sanitazzjoni,<br>• Fl-approvazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali<br>• Fir-riattivazzjoni u l-funzjonament tal-kumitat settorjali tripartitiku<br>• Fl-elaborazzjoni u l-approvazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-ilma tajjeb għax-xorb u s-sanitazzjoni<br>• Fl-implimentazzjoni tal-liġi ġenerali ġdida dwar l-ilma<br>• Fl-implimentazzjoni tal-Liġi qafas dwar l-ilma tajjeb għax-xorb u s-sanitazzjoni<br>Fis-sistemi ta' kwalità għat-titjib tal-kompetittività, preżentazzjoni ta' rapporti li juru progress:<br>• fl-implimentazzjoni tal-liġi dwar il-kwalità u l-konsolidazzjoni tal-attivitajiet tas-sistema nazzjonali ta' kwalità;<br>• fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-kompetittività;<br>• fil-konsolidazzjoni ta' attivitajiet tal-pjan strateġiku għas-saħħa tas-Servizz Agroalimentari Nazzjonali. | |

| Azzjoni | Ġestjoni tal-finanzi pubbliċi | Trasparenza baġitarja u sorverljanza | Stabbiltà makroekonomika | Tnaqqis tal-faqar | Forestrija |
|---|---|---|---|---|---|
| **EuroFor** | Progress sodisfaċenti fl-implimentazzjoni dimostrabbli tal-programm għat-titjib u r-riforma tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, b'enfasi partikolari fuq:<br>• il-politika u l-amministrazzjoni fiskali;<br>• is-sistema integrata ta' ġestjoni tal-finanzi;<br>• il-kredibbiltà, it-trasparenza, il-kontroll u l-awditjar tal-baġit;<br>• l-implimentazzjoni ta' politika komprensiva kontra l-korruzzjoni;<br>• is-sistemi ta' xiri;<br>• l-ibbaġitjar xieraq ta' ħlasijiet parzjali. | Informazzjoni baġitarja konsistenti u komprensiva li tkun disponibbli regolarment. | Progress sodisfaċenti fiż-żamma ta' politika makroekonomika li tista' tintwera li hija stabbli b'fokus partikolari fuq:<br>• il-kontroll ta' nfiq fuq salarji u pagi;<br>• il-kontroll ta' dejn mhux fiss;<br>• id-defiċit tal-gvern ċentrali;<br>• il-ħlas ta' dejn;<br>• progress fl-implimentazzjoni tal-Liġi dwar is-Servizz Ċivili;<br>• riformi tal-iskemi tal-pensjonijiet u s-sigurtà soċjali;<br>• riformi tal-kumpaniji pubbliċi. | | Progress sodisfaċenti fl-eżekuzzjoni tal-istrateġija u tal-politiki settorjali, fost l-oħrajn permezz ta' rapporti li jagħtu prova ta' progress:<br>• Fit-tisħiħ tat-tmexxija tal-Istitut tal-Konservazzjoni Forestali;<br>• Fit-titjib tal-istruttura organizzazzjonali tal-Istitut tal-Konservazzjoni Forestali;<br>• Fl-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali tal-Forestrija;<br>• Fl-funzjonament tal-Kunsill Konsultattiv nazzjonali dwar il-Forestrija f'kooperazzjoni mar-reġjuni u l-muniċipalitajiet;<br>• Fl-implimentazzjoni tal-Liġi tal-Forestrija;<br>• Fit-tnaqqis tal-ispejjeż medji għall-approvazzjoni ta' formalitajiet ikkalkolati għal kull metru kubu ta' injam;<br>• Fl-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali kontra l-qtugħ illegali tas-siġar, speċjalment is-sistema tal-IT għar-reġistru tal-forestrija, l-amministrazzjoni u l-kontroll;<br>• Fil-ftehim ta' sħubija volontarja bejn l-UE u l-Honduras dwar infurzar tal-liġi, governanza u kummerċ fis-settur forestali;<br>• Fiż-żieda fil-kwalità u l-kwantità ta' informazzjoni dwar is-settur u l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-ġestjoni tal-Istitut tal-Konservazzjoni Forestali. |

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### III

Il-Kummissjoni qed tagħmel dak kollu li tista' biex tgħin lill-pajjiż itejjeb il-livell ta' żvilupp tiegħu. Hija tqis li f'ċirkostanzi diffiċli, l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp wera impatt reali fl-oqsma ta' intervent.

Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ id-dgħufijiet identifikati fil-ġestjoni tal-għajnuna tagħha wara s-suġġerimenti li sarulha mill-Qorti tal-Ġustizzja. Hija tixtieq tindika, madankollu, li mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit sa liema punt id-"dgħufijiet tal-ġestjoni" xekklu l-impatt tal-iżvilupp tal-UE, speċjalment fil-kuntest ta' firxa wiesgħa ta' fatturi esterni.

Fir-rigward taż-żona ta' art forestali, il-Kummissjoni tenfasizza l-fatt li r-raġuni ewlenija wara t-telf ta' artijiet forestali kienet tirrigwarda fatturi esterni. Pereżempju, id-*dendroctonus frontalis* ikkaġuna t-telf ta' 11 % tal-foresti tal-pajjiż.

### IV

Oqsma fokali fil-pajjiż kellhom jinbidlu b'mod flessibbli sabiex iwieġbu għall-bżonnijiet dejjem jinbidlu tal-pajjiż.

Il-Programmi Indikattivi Pluriennali tal-UE, jiggarantixxu l-koerenza, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu l-flessibbiltà sabiex jitqiesu żviluppi ġodda u opzjonijiet ta' politika nazzjonali. Għalhekk, il-bżonn li jkun hemm bilanċ kawt bejn aġenda ta' kooperazzjoni riġida li ma tirreaġixxix għall-prijoritajiet nazzjonali u waħda li tipprova tindirizza ċirkustanzi li qed jinbidlu fil-pajjiżi ta' operazzjoni, filwaqt li tinżamm is-sostenibilità tal-għanijiet fuq terminu twil.

Maż-żmien, il-Kummissjoni ffokat fuq setturi definiti b'mod aktar preċiż u dan kien evidenzjat mit-tibdil li kien hemm fil-prijoritizzazzjoni mid-DSP 2007/2013 għall-MIP 2014/2020. F'dan il-kuntest, meta kien qed jiġi nnegozjat l-MIP 2014-2020, kien hemm fehim komuni mal-Gvern li d-DSP 2007-2013 jibqa' mhux mittiefes u l-livell ta' allinjament mal-prijoritajiet nazzjonali kien apprezzat ħafna mill-partijiet ikkonċernati tal-Honduras.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li għandha firxa wiesgħa ta' għodod ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni, inkluż id-djalogu ta' politika, il-monitoraġġ tal-missjonijiet, u l-MOR (monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati).

### V

Il-grupp ta' Koordinazzjoni tad-Donaturi tal-G16 fil-Honduras huwa għodda utli ħafna għall-koordinazzjoni bejn id-donaturi. Huwa ilu jaħdem kontinwament sa mill-bidu tiegħu fl-1998, dejjem waqt li jiġu implimentati prinċipji ta' effettività tal-għajnuna.

Il-G16 għandu l-mertu li jippermetti djalogu ta' politika fit-tul bejn il-Gvern tal-Honduras u d-donaturi ewlenin. Il-koordinazzjoni tad-donaturi fil-Honduras kienet għalhekk imfassla u strutturata tajjeb, filwaqt li mminimizzat l-idduplikar tal-isforzi ta' kooperazzjoni.

Il-programmazzjoni konġunta, li għandha tibda fl-2018, se tkompli ssaħħaħ l-isforzi ta' kooperazzjoni biex dawn jinġiebu għal livell saħansitra ogħla.

## VI

L-istrateġiji tad-djalogu ta' politika huma spjegati f'setturi li huma suġġetti għal appoġġ baġitarju fejn dawn jikkostitwixxu wieħed minn bosta strumenti flimkien ma' oħrajn (appoġġ finanzjarju, assistenza teknika, monitoraġġ, eċċ.).

Il-punt sa fejn intlaħqu l-għanijiet settorjali huwa vvalutat bil-miktub f'kull fajl ta' żborż ta' appoġġ baġitarju. L-impatt miksub huwa riżultat kombinat tat-tipi kollha tal-istrumenti, mhux biss tad-djalogu ta' politika.

Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ il-mekkaniżmi tagħha tad-djalogu ta' politika, b'mod partikolari l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress fid-djalogu ta' politika u d-dokumentazzjoni xierqa tiegħu.

## VII

Il-Kummissjoni tiżgura l-kompetenzi makroekonomiċi fi kwalunkwe ħin fid-Delegazzjonijiet kollha tagħha, abbażi ta' approċċ ta' kost-benefiċċji. Minkejja l-fatt li sa ftit taż-żmien ilu d-Delegazzjoni ma kinitx tinkludi espert fil-makroekonomija u fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (ĠFP), hi rċeviet appoġġ tekniku mid-Delegazzjoni fin-Nikaragwa.

Barra minn hekk, id-Delegazzjoni tal-UE fil-Honduras qed tibbenefika minn firxa wiesgħa ta' għarfien espert dwar kwistjonijiet ta' ĠFP u ta' makroekonomija: mill-Kwartieri Ġenerali, permezz ta' missjonijiet fil-post, mill-assistenza teknika (PAAPIR - Programm ta' Appoġġ għall-Amministrazzjoni Pubblika u għall-Integrazzjoni Reġjonali) u mill-kuntatti ta' kuljum mal-Kwartieri Ġenerali dwar kwistjonijiet speċifiċi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni mexxiet missjonijiet tal-KĠ fil-Honduras u f'Washington biex jagħmlu monitoraġġ tas-sitwazzjoni li kienu fi trattament mhux biss mal-Gvern tal-Honduras iżda wkoll mal-FMI.

Bħala rimarka ġenerali, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lir-reklutaġġ ta' kandidati adatti għad-Delegazzjonijiet u l-membri tal-persunal tagħha jipparteċipaw fi programmi ta' taħriġ u korsijiet ta' aġġornament regolari f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk id-Delegazzjoni tapplika b'mod strett il-Linji Gwida għall-Appoġġ Baġitarju f'kull ħin fil-valutazzjoni tagħha tal-kriterji ta' eliġibbiltà.

L-appoġġ baġitarju pprovdut kien s'issa koerenti u konsistenti, ibbażat fuq djalogu mill-qrib mal-pajjiż sieħeb u jiżgura djalogu ta' politika kontinwu u adattament għal ċirkostanzi diffiċli.

Barra minn hekk, il-fajls tal-iżborż jiġu analizzati bir-reqqa u d-deċiżjonijiet finali jsiru minn Kumitat ta' Direzzjoni għall-Appoġġ tal-Baġit (BSSC - Budget Support Steering Committee). Il-BSSC huwa korp li jieħu deċiżjonijiet li dejjem jiddokumenta d-deċiżjonijiet li jieħdu l-membri tiegħu.

Il-Linji Gwida għall-Appoġġ Baġitarju jippermettu li jiġi segwit l-approċċ dinamiku kif introdott fil-Komunikazzjoni dwar l-appoġġ baġitarju COM(2011)638 final u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill: "Fil-forom kollha ta' appoġġ baġitarju l-UE ser tapplika approċċ imfassal apposta u dinamiku għall-eliġibilità, li jiffoka fuq il-progress fl-implimentazzjoni ta' strateġiji kredibbli u rilevanti tar-riforma settorjali, biex jimmassimizza l-impatt fil-post" (Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 9371/12).

## Osservazzjonijiet

**13**
Fir-rigward tal-appoġġ fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, ma seħħew l-ebda attivitajiet ta' kooperazzjoni fis-snin 2011–2013. L-azzjonijiet previsti fil-Programm Indikattiv Nazzjonali (PIN) għall-2007-2013 f'dawn l-oqsma kienu proposti bħala segwitu għal azzjonijiet preċedenti fis-settur tal-elettriku, jiġifieri l-proġetti GAUREE u GAUREE 2 (il-Ġestjoni Awtonoma u l-Użu Razzjonali tal-Enerġija Elettrika).

Madankollu, fir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu (2009), il-Gvern, permezz tal-Ministru inkarigat mis-settur tal-elettriku, indika li l-appoġġ li jirrigwarda l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija ma kienx meħtieġ. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-settur tal-enerġija enfasizzaw li l-liġi li tinċentiva l-enerġiji rinnovabbli kienet ipproduċiet sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' investiment privat.

Din hija r-raġuni għaliex id-Delegazzjoni tal-UE inkludiet azzjonijiet relatati mal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija fil-programmi forestali tagħha (MOSEF u CLIFOR). Dawn l-attivitajiet twettqu bħala mekkanizmi ta' adattament għat-tibdil fil-klima u bħala inċentivi għall-ġestjoni tar-riżorsi forestali (u mhux bħala interventi fis-settur tal-enerġija).

Rigward is-sistemi ta' kwalità biex tittejjeb il-kompetittività, dan is-settur kien komponent komplementari tal-istrateġija tal-Kummissjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-UE mal-Amerika Ċentrali.

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali fid-29 ta' Ġunju 2012 u l-applikazzjoni proviżorja tal-Parti IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mill-1 ta' Awwissu 2013 ukoll jiġġustifikaw l-intervent tal-UE f'dan ir-rigward.

**14**
L-għajnuna tal-UE f'dawn is-setturi ġiet implimentata għaliex kienu meqjusa bħala prijorità fl-Istrateġija tal-Gvern għat-Tnaqqis tal-Faqar (STF).

Barra minn hekk, fl-2006, id-Delegazzjoni pparteċipat f'diskussjonijiet konġunti li saru bejn id-donaturi u l-Gvern taħt il-Bord Konsultattiv tal-STF (*Consejo Consultivo de la ERP*) għar-rieżami tal-STF. Il-baġit ta' investiment (il-fondi domestiċi u esterni) ikkonċentra fis-setturi li ġejjin: l-edukazzjoni, is-saħħa u n-nutrizzjoni, il-protezzjoni soċjali, l-infrastruttura, il-produzzjoni u l-aċċess għall-assi, u l-governanza. Għalhekk, dawn l-oqsma saru wkoll setturi prijoritarji għall-azzjonijiet ta' kooperazzjoni tal-UE.

Fir-rigward tal-perjodu qasir ta' appoġġ mogħti, kienet meħtieġa ċerta flessibbiltà fil-programmi tal-UE sabiex ikun hemm reazzjoni u l-attivitajiet jiġu adattati għal sitwazzjoni li qed tinbidel wara l-kriżi politika pprovokata mill-kolp ta' stat fl-2009 (ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu IV.).

**15**

**(a)**
Il-Kummissjoni tenfasizza li s-settur tal-forestrija huwa wkoll marbut mal-ġestjoni tal-ilma u tas-sanità u mal-protezzjoni tal-ħamrija. F'dan il-kuntest, l-appoġġ ipprovdut mill-programm MOSEF lill-muniċipalitajiet tqies mid-Delegazzjoni bħala koerenti mal-objettivi tal-proġett.

MOSEF huwa l-proġett prinċipali fil-komunità internazzjonali tad-donaturi li qed issaħħaħ il-koordinazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet li jagħtu titoli għall-art forestali.

Il-pussess tal-art huwa min-natura tiegħu kwistjoni politika, u preokkupazzjoni kbira madwar l-Amerika Latina. Fil-waqt li dan ma jistax jissolva biss permezz ta' proġetti ta' kooperazzjoni, huwa ġie indirizzat permezz ta' taħlita ta' kanali u strumenti oħra: (i) l-inizjattiva FLEGT (Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali) immexxija mill-UE li hija l-aktar strument effikaċi għar-riforma forestali, (ii) id-djalogu ta' politika fil-kuntest ta' negozjati għal VPA (Ftehim ta' Sħubija Volontarju) FLEGT bilaterali mal-UE, kif ukoll (iii) il-kuntratti speċifiċi li jipprovdu assistenza (pereż. il-proġett PROCORREDOR - "*Gestión Sostenible de Recursos Naturales y Cuencas del Corredor Biológico Mesoamericano en el Atlántico Hondureño*").

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kunflitti dwar l-art f'pajjiż li għandu diversità kulturali rikka b'valuri qawwijin ta' wirt patrimonjali jistgħu jiġu indirizzati b'żewġ modi: ir-regolarizzazzjoni tal-art u l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni tal-komunitajiet indiġeni. L-appoġġ tal-UE għar-regolarizzazzjoni tal-art huwa għaldaqstant approċċ gradwali.

### (b)
Huwa matul il-perjodu awditjat li l-Honduras bidel il-liġi dwar l-edukazzjoni biex l-edukazzjoni primarja tasal sal-grad disgħa. Id-donaturi allinjaw l-appoġġ tagħhom skont dan.

### 16
Dejjem kien hemm aktar talbiet minn offerti disponibbli għall-assistenza teknika. Il-mekkaniżmu ta' prijoritizzazzjoni ġie implimentat permezz ta' kumitati tekniċi bil-parteċipazzjoni tal-UE, tal-Gvern tal-Honduras u tal-istituzzjonijiet rilevanti (tas-saħħa, il-kwalità, l-ilma u s-sanità).

Il-koordinazzjoni tad-donaturi kienet strutturata tajjeb. Għalhekk, il-ħtiġijiet rilevanti li ma ġewx indirizzati għaddew mill-istess analiżi kost-effettività.

L-oqsma rilevanti li ma rċevewx finanzjament se jkunu analizzati mill-qrib biex wieħed jara liema azzjonijiet/miżuri alternattivi jistgħu jittieħdu biex jappoġġjawhom.

### Tweġiba komuni għall-paragrafi minn 16 (a) sa (c)
Permezz tal-programm PAAPIR li hu xprunat mid-domanda, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tipprovdi Assistenza Teknika lil setturi bi ħtiġijiet essenzjali, wara evalwazzjoni u prijoritizzazzjoni bir-reqqa.

Il-Kummissjoni tirrimarka li kien impossibbli li jintlaħqu l-ħtiġijiet kollha.

### (a)
Minbarra t-tweġiba komuni ta' hawn fuq, fil-każ speċifiku tas-settur tas-saħħa, l-istudju dwar d-defiċjenzi ta' vitamini u minerali ġie approvat mill-Kumitat Tekniku tal-PAAPIR fl-2013, iżda sussegwentement ma ġiex segwit.

**18**
Il-Kummissjoni tqis li sar progress tajjeb fil-proċess biex tinkiseb diviżjoni effikaċi tax-xogħol bejn id-donaturi. Pereżempju, il-GIZ assumiet il-kwistjonijiet dwar it-tibdil fil-klima u l-forestrija, u Spanja dwar il-governanza u r-riformi fis-settur tal-ġustizzja.

Fil-livell ta’ Delegazzjoni, ġie żviluppat Pjan Direzzjonali għal programmazzjoni konġunta wara l-2018. Matul l-2016, se ssir analiżi tal-kuntest nazzjonali fil-Honduras f’dan ir-rigward.

**19**
Il-Kummissjoni kontinwament qed tisħaq biex ittejjeb il-kooperazzjoni mal-Gvern tal-Honduras u mad-donaturi kollha. Il-koordinazzjoni prinċipali se ssir mal-Istati Membri tal-UE. Id-Delegazzjoni tal-UE hija attiva ħafna wkoll fil-G16 bl-għan li tintlaħaq l-aħjar koordinazzjoni possibbli mad-donaturi ewlenin preżenti fil-Honduras.

## Kaxxa 3 – Trikkib fil-finanzjament

Il-Kummissjoni tqis li anke jekk l-approċċi tad-donaturi kienu differenti, dawn jistgħu jkunu kumplimentari.

Fis-settur tal-ilma u s-sanità, il-muniċipalitajiet kollha involuti fil-proġett irċevew appoġġ iżda mhux kollha rċevew investimenti fl-infrastruttura. Barra minn hekk, inħolqu COMAS (il-Kummissjoni Muniċipali għall-Ilma u s-Sanità) u USCL (l-Unità ta’ Monitoraġġ u Kontroll Lokali) li jkopru l-muniċipalitajiet kollha. L-appoġġ għall-muniċipalitajiet kien ibbażat fuq il-bini tal-kapaċitajiet permezz ta’ dawn iż-żewġ entitajiet.

**20**
Id-Delegazzjoni tqis li l-fatt li hija attiva ħafna fil-koordinazzjoni ma’ donaturi oħra qed inaqqas ir-riskju ta’ duplikazzjoni. Minkejja li jieħu ħafna ħin, l-immappjar tad-donaturi mhuwiex dejjem l-aktar għodda effettiva. Il-koordinazzjoni mill-benefiċjarju, imsejsa fuq l-għoti tas-setgħa u d-djalogu ta’ politika, tidher li tagħti riżultati aħjar.

**23**
L-eliġibbiltà tas-settur kienet kompletament ivvalutata skont il-Linji gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju. Abbażi ta’ dan, ġie konkluż li l-politika settorjali kienet kredibbli u rilevanti biżżejjed biex tkun tista’ toffri programm ta’ appoġġ baġitarju sodisfaċenti.

Sakemm ikun hemm biżżejjed kredibbiltà u elementi ta’ rilevanza, politika settorjali tista’ tittejjeb fil-ħin u tiġi msaħħa. Din hija parti minn programm ta’ appoġġ baġitarju kontinwu u r-riżultat ta’ djalogu ta’ politika u assistenza teknika.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-appoġġ għas-sistemi tal-kwalità ġie implimentat fil-kuntest tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali, u kien ivvalidat mill-Gvern.

**26**
Il-Kummissjoni tqis li analiżi strutturata għall-kriterju ta’ eliġibbiltà tal-istabbiltà makroekonomika hija importanti u li tiġi eżegwita abbażi ta’ Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju.

# Risposta tal-Kummissjoni

Fil-każijiet imsemmija mill-Qorti, il-progress kien ibbażat fuq għadd ta' indikaturi speċifiċi. L-evoluzzjoni ta' dawn l-indikaturi tat xhieda tal-progress pożittiv u n-nondeterjorament f'ċirkostanza kumplessa ħafna.

Rigward in-nuqqas ta' ftehim bejn il-Gvern tal-Honduras u l-FMI, sitwazzjoni bħal din hija msemmija fil-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju. Il-paragrafu 5.1.2 tal-linji gwida jiddikjara li: *"Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' programm tal-FMI ma jimplikax awtomatikament li l-kriterju tal-eliġibbiltà makroekonomika ma jkunx ġie ssodisfat (...). Fejn l-implimentazzjoni ma tkunx sodisfaċenti jew ma jkunx hemm programm tal-FMI fis-seħħ minħabba d-diffikultajiet li jkun hemm wieħed miftiehem mal-FMI, pajjiż xorta jista' jkun eliġibbli jekk l-objettivi tal-programmi ta' appoġġ baġitarju ma jkunux f'riskju, b'mod partikolari għall-SRC".*

Anki jekk titqies id-deċiżjoni tal-FMI, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan in-nuqqas ta' qbil dwar punt minuri tekniku ħafna ma jipprekludix valutazzjoni kumplessivament pożittiva u aktar appoġġ lill-isforzi tal-Gvern biex tkun stabbilita mill-ġdid l-istabbiltà makroekonomika.

## 27

Il-preparamenti għal programm ta' appoġġ baġitarju f'settur speċifiku jistgħu jsiru filwaqt li programmi oħrajn ma jkunux qed jagħmlu żborżi. Din hija parti minn djalogu ta' politika kontinwu u mill-appoġġ lill-Gvern tal-Honduras f'diversi setturi ta' politika. Il-messaġġ ġenerali huwa li jingħata appoġġ lill-pajjiż sieħeb minkejja d-diffikultajiet f'aktar minn settur wieħed permezz ta' appoġġ baġitarju.

Barra minn hekk, il-Delegazzjoni segwiet djalogu ta' politika matul il-perjodi msemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna, li ma għandux jitqies bħala messaġġ kontradittorju ta' żamma lura tal-appoġġ baġitarju.

Barra minn hekk, l-iffirmar ta' ftehim finanzjarju għall-appoġġ baġitarju qed jipprovdi wkoll opportunità addizzjonali ta' negozjati għall-UE.

Il-Kummissjoni ma tara l-ebda kontradizzjoni fl-iffirmar ta' Eurofor. Għandu jiġi nnutat li dan il-programm kien jinkludi element b'saħħtu ħafna ta' assistenza teknika ġestita permezz tal-kooperazzjoni ddelegata. Din kienet meħtieġa li tibda immedjatament u ġie ċċarat permezz ta' djalogu ta' politika li ma jsir ebda żborż sakemm is-sitwazzjoni makroekonomika tkun ġiet solvuta.

## 28

Il-Kummissjoni appoġġat bil-qawwa riforma tal-ĠFP fil-Honduras u żammet djalogu kontinwu u mill-qrib ħafna sabiex tappoġġa l-investimenti u l-progress f'dan il-qasam.

It-titjib tal-finanzi pubbliċi huwa mmonitorjat minn eżerċizzji PEFA suċċessivi, li huma impenn konġunt komprensiv ta' donaturi u tal-Gvern.

## 29

Filwaqt li l-Kummissjoni tagħraf id-dgħufijiet, il-progress huwa wieħed notevoli u qed iseħħ titjib gradwali.

Iċ-ċirkostanzi makroekonomiċi u politiċi fil-pajjiż naqqsu l-pass tal-isforzi tar-riforma. Madankollu, ġie rreġistrat progress. Din l-evoluzzjoni pożittiva hija aktar rilevanti, importanti u diffiċli biex titwettaq f'ambjent kumpless bħal dak tal-Honduras.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li huwa diffiċli ħafna li jintlaħqu l-aspettattivi dwar il-pass tar-riforma. Għalkemm jeżistu l-isfidi, inkisbu stadji importanti, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ tal-UE, eż.: il-ħolqien taċ-ċertifikat dwar id-disponibbiltà tal-baġit biex jiġu evitati devjazzjonijiet minn nefqa ppjanata mill-ministeri kompetenti. Din l-innovazzjoni ġiet introdotta wara missjonijiet mill-KĠ u djalogu mal-AT lokali u l-FMI.

## Tweġiba komuni għall-paragrafi minn 29 (a) sa (c)

Il-Kummissjoni taqbel mal-konklużjonijiet tal-Qorti u tagħmel kull sforz sabiex tagħmel monitoraġġ kemm tal-politiki kif ukoll tal-prestazzjoni f'dan il-qasam.

Kif innutat mill-Qorti fil-paragrafu 30, din l-istima eżatta għenet biex il-Kummissjoni ġustament timmira d-djalogu ta' politika u l-inizjattivi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet f'oqsma tal-ĠFP li jeħtieġu l-iktar attenzjoni u f'koordinazzjoni ma' donaturi oħra.

Biex tagħmel dan, il-Kummissjoni b'mod konsistenti u koerenti tappoġġa l-isforzi tal-Gvern għat-titjib tal-prestazzjoni tal-ĠFP.

## (d)

L-aħħar valutazzjoni PEFA disponibbli tippermetti li jiġi stabbilit għadd ta' azzjonijiet biex titjieb din is-sitwazzjoni. Din il-kwistjoni hija indirizzata permezz tad-djalogu ta' politika tal-Kummissjoni mal-Gvern tal-Honduras.

## (e)

Din il-kwistjoni hija indirizzata permezz tad-djalogu ta' politika tal-Kummissjoni mal-Gvern tal-Honduras.

## (f)

Il-korruzzjoni tippreżenta sfida għall-governanza demokratika u l-istat tad-dritt.

Madankollu, fl-istess ħin, minkejja kuntest diffiċli, il-Kodiċi Kriminali (*Código Penal*) ġdid bħalissa qed jiġi rivedut bl-appoġġ ta' Spanja u tal-programm Eurojusticia (permezz tal-proċess ta' soċjalizzazzjoni tal-abbozz il-ġdid tal-Kodiċi Kriminali). Barra minn hekk, qed jitfassal proġett li jindirizza l-korruzzjoni taħt l-MIP 2014-2020.

Il-Kummissjoni qed tappoġġa wkoll inizjattiva biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jaċċertaw id-drittijiet tagħhom u jirrifjutaw prattiki ta' korruzzjoni ("*Participación e incidencia a multinivel y multiactor en el marco de procesos de veeduría social en Honduras, en tema de violaciones, promoción y defensa de los derechos fundamentales de la juventud*", referenza EIDHR/2015/369-295).

## 30

## (c)

Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tiddefinixxi ulterjorment il-punti ta' riferiment li jiddefinixxu kif għandu jitkejjel il-progress.

Għal uħud mill-kriterji (b'mod partikolari l-ĠFP), il-progress fil-kuntest tal-istadji importanti ta' riforma inizjali huwa partikolarment importanti; għal oħrajn (makroekonomiċi, pereżempju), iż-żamma ta' politiki orjentati lejn l-istabbiltà hija suffiċjenti biex tiġi kkonfermata l-eliġibbiltà.

Barra minn hekk, id-djalogu ta' politika li jinsab għaddej se jakkumpanja l-proċess ta' riforma u se jagħti opportunità biex jiġu ċċarati l-aspettattivi.

## Kaxxa 4 – Eżempji ta' aspettattivi mhux speċifiċi tar-riforma

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 27.

## 31

Il-Kap tal-Kooperazzjoni u l-Maniġers tal-Proġetti involuti f'operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju segwew taħriġ tekniku dwar l-appoġġ baġitarju u qed jużaw l-esperjenza professjonali tagħhom biex tkun żgurata l-kompetenza meħtieġa dwar il-ĠFP.

Minn barra dan, kien hemm fis-seħħ assistenza teknika qawwija (PAAPIR) bħala sostenn għall-attivitajiet ta' appoġġ baġitarju (jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu VII.).

Barra minn hekk, id-Delegazzjoni tibbenefika minn firxa wiesgħa ta' kompetenzi makroekonomiċi u dwar il-ĠFP: mill-Kwartieri Ġenerali, permezz ta' missjonijiet fil-post, assistenza teknika u kuntatti regolari mal-Kwartieri Ġenerali dwar kwistjonijiet ta' tħassib.

## 33

Fir-rigward tas-settur tas-sigurtà u l-ġustizzja, inkisbu xi riżultati pożittivi ħafna minkejja d-diffikultajiet partikolari fis-settur.

Pereżempju, il-bidu tat-taħriġ interistituzzjonali tal-operaturi tal-ġustizzja (imħallfin, pulizija u avukati tal-Istat) irnexxa ħafna. Dan inbeda u twettaq għall-ewwel darba f'korsijiet ta' taħriġ formali li jwasslu għal akkreditazzjoni mid-dinja akkademika.

Barra minn hekk, l-appoġġ lill-NGOs li ġie ffinanzjat permezz tal-PASS ġie implimentat b'suċċess, kif ukoll il-komponent biex jarma lill-benefiċjarju.

## 35

Minħabba l-kolp ta' stat fl-2009, ma kienx possibbli għad-Delegazzjoni li tkompli tfassal il-proġett, speċjalment peress li l-Gvern ma kienx rikonoxxut uffiċjalment qabel nofs l-2010.

Id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett MOSEF kien parti minħabba nirien fl-uffiċċji ta' ICF (Istitut ta' Konservazzjoni tal-Foresti) fejn kien lokalizzat MOSEF.

## 36

### (a)

Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa meħtieġ li jitqies il-kuntest tat-tfassil u l-approvazzjoni tal-PASS. Tabilħaqq, meta l-programm ġie approvat fl-2008, l-objettivi tal-PASS kienu mingħajr ebda dubju għanijiet ambizzjużi iżda realistiċi. L-azzjonijiet kienu meqjusa xierqa f'dak il-kuntest.

Il-kriżi istituzzjonali tal-2009 li wasslet għall-kolp ta' stat biddlet ix-xenarju b'mod drammatiku u l-isforzi kollha tal-amministrazzjoni l-ġdida ġew assorbiti fir-restawr tal-"istituzzjonalità" tal-Istat tal-Honduras. Barra minn hekk, il-kriminalità organizzata ħadet vantaġġ mill-kolp ta' stat u l-konsegwenzi tiegħu biex takkwista influwenza. L-istituzzjonijiet tal-Gvern ġew imdgħajfa ħafna, l-aktar il-Ministeru għas-Sigurtà li wera livell baxx ta' kapaċità u ta' rieda politika.

Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, ikun xieraq li wieħed jgħid li rrispettivament miċ-ċirkostanzi avversi ġġenerati minn instabbiltà politika tal-2009, il-PASS kellu rendiment sinifikanti, minkejja li ma ntlaħqux l-aspettattivi inizjali.

**(b)**

Mhux l-oqsma kollha ta' politika settorjali jridu jiġu tradotti f'indikaturi speċifiċi. Għadd limitat biss jista' jitqies bħala indikaturi speċifiċi. Barra minn hekk, il-progress globali fis-settur, u għalhekk, l-objettivi tal-azzjoni kollha huma mmonitorjati fil-valutazzjoni tal-progress tal-politika settorjali.

Fil-każ tal-APN, il-progress tal-azzjonijiet kien immonitorjat iżda l-indikaturi tal-Pjan Nazzjonali tal-Honduras intużaw biex jiġu rrappurtati l-kisbiet tal-programm ta' appoġġ baġitarju.

**(c)**

Peress li fiż-żmien tat-tfassil, l-indikaturi tal-istrateġiji nazzjonali kienu fil-proċess ta' validazzjoni u ma kinux dettaljati biżżejjed biex jitkejlu, kien meħtieġ li jiġi propost indikatur *ad hoc* fis-settur tal-ilma u s-sanità.

**(d)**

Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ speċifiku għat-titjib tad-dejta statistika.

**(e)**

Il-Kummissjoni hija involuta mal-Gvern biex tirrimedja din is-sitwazzjoni.

**(f)**

Fil-każ tal-APN, is-sitwazzjoni politika tal-pajjiż ma kinitx favorevoli għas-selezzjoni u l-adozzjoni ta' indikaturi għall-programm meta ġie ffirmat il-Ftehim ta' Finanzjament.

Dan ġie kkomunikat ukoll mid-Delegazzjoni fin-Nota Standard ta' Spjega għall-adozzjoni tal-*Addendum* 1 tal-Ftehim ta' Finanzjament tal-APN li jiddikjara li matul l-2008 u l-2009, il-kriżi politika u ekonomika tal-pajjiż għamlitha impossibbli li jiġi nnegozjat Ftehim ta' Finanzjament operazzjonali peress li l-prekundizzjonijiet għal programm ta' appoġġ baġitarju ntilfu ftit wara li l-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni li tiffinanzja dan il-ftehim.

Għalhekk, wara li reġa' ġie stabbilit l-istat tad-dritt fil-pajjiż, saru negozjati biex jiġu ddefiniti l-indikaturi kompletament abbażi tal-istrateġiji tal-Gvern il-ġdid.

**37**
Huwa ppjanat li jsiru żjarat fil-post fuq il-bażi ta' kriterji differenti, inkluż il-prijoritizzazzjoni ta' żjarat lil proġetti/programmi b'diffikultajiet sabiex ikun hemm monitoraġġ mill-qrib biex jittaffew ir-riskji.

It-tabella operattiva tal-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI) għall-2015 tindika li l-perċentwal ta' proġetti problematiċi li kienu soġġetti għal attività ta' monitoraġġ jew evalwazzjoni matul dik is-sena kien ta' 100 %.

Il-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-proġetti kollha bi dgħufijiet jew riskji identifikati, fost oħrajn permezz ta' żjarat fuq il-post.

**38**
F'dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni fasslet metodoloġija għall-monitoraġġ tal-appoġġ baġitarju bħala parti mill-monitoraġġ orjentat lejn ir-riżultati (ROM) u din ġiet ittestjata għall-ewwel darba fil-Honduras.

Għalkemm ir-ROM li sar għall-APN f'Settembru 2013 ma pprovdiex rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-APN, l-osservazzjonijiet li rrappurtaw l-esperti ġew meqjusa utli mid-Delegazzjoni fl-identifikazzjoni u l-formulazzjoni ta' interventi ta' appoġġ baġitarju taħt l-MIP 2014-2020.

Il-Kummissjoni se ssegwi l-integrazzjoni sistematika tar-rakkomandazzjonijiet tar-ROM fil-programmi attwali tagħha.

**41**
L-istrateġiji ta' djalogu kollha li żviluppat id-Delegazzjoni tal-UE huma fil-kuntest tat-tnaqqis tal-faqar.

Id-Delegazzjoni se tkompli torqom id-djalogu ta' politika tagħha fil-futur.

**42**
L-istrateġiji tad-djalogu ta' politika huma ddefiniti għal setturi soġġetti għal appoġġ baġitarju u jiġu aġġornati regolarment mid-Delegazzjoni tal-UE. Huma jiġu kkunsidrati wkoll qabel kull żborż ta' appoġġ baġitarju.

Barra minn hekk, bħala tali, huma jiffurmaw parti minn firxa wiesgħa ta' strumenti oħra (eż. assistenza teknika u appoġġ finanzjarju). Għalhekk, l-impatt tagħhom huwa riżultat kombinat ta' kull tip ta' għodda u dawn ma għandhomx jitqiesu għalihom waħedhom.

Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel sforzi biex ittejjeb id-dokumentazzjoni tad-djalogu ta' politika u tal-valutazzjoni tagħha.

**44**
L-ingranaġġ jiddependi fuq ħafna fatturi inkluż il-kontribuzzjoni finanzjarja, u aspetti politiċi, soċjali, kulturali u kummerċjali. L-ingranaġġ ma jistax jitqabbel ma' pajjiżi oħra abbażi ta' termini finanzjarji u kummerċjali biss.

Għalkemm il-fondi tal-UE jirrappreżentaw proporzjon żgħir tal-baġit tal-Gvern, il-Kummissjoni tara l-ingranaġġ attwalment miksub fid-dawl tal-kapaċità teknika li l-UE kienet kapaċi twassal.

Fil-każ ta', pereżempju, il-ĠFP u l-istabbiltà makroekonomika, dan l-appoġġ kien importanti u ta' benefiċċju għall-Honduras u dan ippermetta li l-UE jkollha influwenza fuq skala importanti.

## 45

### (a)

Saru laqgħat bilaterali biex jindirizzaw, permezz ta’ djalogu ta’ politika, l-oqsma appoġġati mill-APN. Id-djalogu ta’ politika tal-UE dwar l-edukazzjoni sar fil-kuntest tal-Grupp ta’ Ħidma tad-Donaturi għall-Edukazzjoni msejjaħ MERECE. Il-laqgħat kienu numerużi u kostanti matul il-perjodu kollu. L-għadd ta’ laqgħat kien ikkunsidrat suffiċjenti u adattat għar-riżorsi disponibbli.

L-istrateġija nazzjonali tal-istatistika u r-riforma tas-servizz ċivili kienu t-tnejn jiffurmaw parti mill-indikaturi skont il-programm tal-APN. Għalhekk, kellhom jiġu inklużi fid-djalogu politiku mal-awtoritajiet tal-Honduras.

### (b)

Il-ħolqien ta’ osservatorju differenti kien riskju bil-wasla tal-Missjoni biex Tappoġġa l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Impunità fil-Honduras (MACCIH). L-involviment qawwi tad-Delegazzjoni tal-UE f’koordinazzjoni ma’ donaturi oħra taffiet ir-riskju ta’ duplikazzjoni tal-isforzi.

L-UE issa hija wieħed mid-donaturi tal-MACCIH u tinsab fuq quddiem biex tiżgura l-komplementarjetà fis-settur.

## 47

L-evoluzzjoni tal-bżonnijiet tal-faqar jeħtieġ li tkun ivvalutata, billi jitqiesu wkoll fatturi esterni.

Jeħtieġ li jiġi valutat kif kienu kieku jevolvu l-livelli ta’ faqar mingħajr l-impatt tal-programmi ta’ kooperazzjoni tal-UE.

Il-Kummissjoni tqis li mingħajr l-intervent tal-UE, l-impatt tal-kriżi finanzjarja globali tal-2008 fuq il-livelli ta’ faqar kien ikun ħafna agħar.

## 49

L-indikaturi ġew negozjati mal-Gvern abbażi ta’ strateġija ta’ riforma settorjali nazzjonali.

Il-Kummissjoni tuża l-appoġġ ta’ assistenza teknika u d-djalogu ta’ politika biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet.

## 50

Il-Kummissjoni tqis il-fatt li l-kost tas-salarji naqas minn 55 % għal 49 % fis-settur tal-edukazzjoni f’pajjiż diffiċli bħall-Honduras bħala kisba fiha nnifisha.

Peress li ma teżisti ebda evalwazzjoni sistematika tal-APN u l-impatt tagħha fuq l-edukazzjoni, huwa pjuttost diffiċli biex jiġi vvalutat b’mod oġġettiv l-impatt tal-appoġġ baġitarju.

**51**
Il-Kummissjoni tqis li l-APN kien wieħed mill-aktar interventi li rnexxew fis-settur tas-saħħa. Il-miri tal-Ftehim ta' Finanzjament għall-perjodu 2010-2014, li huma l-istess għall-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali (*Plan de Nación*), ġew issodisfati. Ir-riżultati kienu kif ġej:

– 66 % tat-trabi mwielda fl-2013 twieldu f'istituzzjonijiet tas-saħħa (żieda minn 53 % fl-2009). Din iż-żieda tirrappreżenta 20 555 twelid.

– Fl-2013, 61 % tal-ommijiet ġodda kellhom aċċess għall-kura ta' wara t-twelid matul l-ewwel sitt ġimgħat wara t-twelid ('il fuq minn 51 % fl-2009).

– Ir-rata ta' prevalenza (għal kull elf) ta' dijarea fit-tfal taħt il-ħames snin naqset minn 148 fl-2009 għal 126 fl-2013.

– Rata ta' prevalenza (għal kull elf) ta' infezzjonijiet respiratorji akuti (pulmonite/bronchopneumonia) fit-tfal taħt il-ħames snin naqset minn 49 fl-2009 għal 45 fl-2013.

**52**
Il-Kummissjoni tqis li l-indikaturi li juru progress fis-settur huma inkoraġġanti ħafna, minkejja n-nuqqasijiet persistenti msemmija.

**54**
L-UE qed taħdem fis-settur li mmarka żieda ta' 24 % ta' forniment ta' ilma fid-distretti rurali u ta' 45 % ta' titjib fis-sanità rurali abbażi tal-Programm Konġunt ta' Monitoraġġ (immexxi min-NU u li jsir kull sentejn). Dan it-titjib sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-ilma tax-xorb u s-sanità rurali seħħ fil-perjodu 1990-2015.

**55**
Dawn l-indikaturi huma marbuta ma' rapporti ta' attività uffiċjali għal indikaturi speċifiċi tal-PAPSAC. Dawn ma jirrappreżentawx ir-riżultati kollha tal-kontribuzzjoni tal-UE għal dan is-settur.

Huwa importanti li jiġu enfasizzati l-kisbiet tal-intervent tal-UE fil-qafas ta' politika settorjali bħalma huma l-approvazzjoni ta' politiki nazzjonali għall-ilma u s-sanità u l-pjanijiet operazzjonali.

Barra minn hekk, l-għajnuna teknika tal-UE kkontribwiet għal ħafna studji li jappoġġaw l-istituzzjonijiet fis-settur.

**56**
Li ssir influwenza fuq il-volum tal-esportazzjonijiet mill-Honduras lejn l-UE huwa għan ambizzjuż ħafna għaliex jiddependi minn fatturi esterni. Wieħed se jkun jista' jara l-effetti sħaħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fuq terminu twil biss.

### 58

Din il-ħarsa ġenerali lejn is-settur turi tajjeb il-kobor tal-isfidi li jridu jiġu ffaċċjati biex jittejjeb is-settur tal-forestrija f'pajjiż li huwa vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima. Ma hemm l-ebda dubju li t-titjib tal-governanza tas-settur hija kwistjoni ewlenija, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu x-xenarju u r-riskju ta' nuqqas ta' intervent flimkien mal-analiżi tas-sitwazzjoni qabel u wara t-tlestija tal-proġett.

Is-sitwazzjoni hija aggravata ulterjorment bil-kriżi tad-*dendroctonus frontalis* li xxekkel l-isforzi li saru f'dan is-settur.

### 59

### (a)

Il-fatt li l-Istitut ma kienx operattiv għal kollox kien minħabba dewmien leġiżlattiv li jmur lil hinn mill-kontroll tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-UE qed tikkontribwixxi għat-tisħiħ istituzzjonali fis-settur billi ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-foresti.

### (b)

Ir-raġunament tal-appoġġ baġitarju huwa li jsir monitoraġġ tal-konformità mal-indikaturi u mhux neċessarjament li tiżdied l-allokazzjoni baġitarja tal-istituzzjoni. Sabiex il-Gvern jimplimenta strateġija settorjali, mhux meħtieġ li jkun hemm żieda fil-baġit tal-istituzzjoni rilevanti.

### 60

Il-vjolenza, l-impunità u l-korruzzjoni huma fost l-aktar problemi diffiċli biex jiġu indirizzati fi kwalunkwe pajjiż. Il-Kummissjoni tqis li l-PASS u l-EuroJusticia għenu biex jissawwar rispons istituzzjonali aktar ikkoordinat. Il-Kummissjoni taqbel li għadha ma saritx politika nazzjonali waħda fis-settur tas-sigurtà u l-ġustizzja u qed tagħmel ħilitha permezz ta' programmi li qed jiġu implimentati u ta' sforzi ġenerali fis-settur biex taħdem għal dak l-għan.

Barra minn hekk, minkejja li l-koordinazzjoni interistituzzjonali għadha limitata, l-UE hija l-unika donatriċi li tippromwovi l-koordinazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet fis-settur: il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Ġustizzja, il-Governanza u d-Deċentralizzazzjoni (*Secretaría de Derechos Humanos, Justicia, gobernación y descentralización*); il-Ġudikatura (*Poder Judicial*) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur (*Ministério Público*).

### 62

Il-PASS ġie żviluppat f'kundizzjonijiet politiċi partikolari. Wara l-kolp ta' stat tal-2009, il-kooperazzjoni ġiet sospiża għal sena. Meta reġgħet bdiet, il-kundizzjonijiet politiċi u l-prijoritajiet kienu nbidlu b'mod sinifikanti. Huma komplew jinbidlu matul il-programm minħabba żieda qawwija fl-omiċidji. Il-proġett ġie adattat ħafna, b'mod prattiku, permezz tas-simplifikazzjoni tal-log frame.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**63**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-valutazzjoni pożittiva li għamlet il-Qorti tal-interventi tagħha.

Hemm fatturi esterni barra l-kontroll tal-UE li jaffettwaw ir-riżultati u għandhom impatt fuq l-interventi tal-Kummissjoni. Il-kriżi politika tal-2009 laqtet l-attivitajiet kollha fil-pajjiż. Kieku l-UE ma appoġġatx is-setturi prijoritarji, il-kundizzjonijiet f'dawn is-setturi kienu jkunu saħansitra aktar diffiċli.

Fir-rigward tar-rati ta' deforestazzjoni fis-snin 2000-2014, sa tmiem l-2016 se tiġi ppubblikata valutazzjoni ġdida. Barra minn hekk, it-telf ta' żoni forestali huwa dovut l-aktar għal fatturi esterni (bħall-kriżi tad-*dendroctonus frontalis*) li huma lil hinn mill-kontroll tal-Kummissjoni.

**64**
Il-Kummissjoni tqis li l-kooperazzjoni kienet inkoraġġanti.

L-ipprogrammar attwali b'interventi fuq terminu medju u twil f'kull settur, permezz tal-istess istituzzjonijiet ewlenin, jiżgura l-konsistenza fil-kooperazzjoni tal-UE u jnaqqas ir-riskju li jiġi pperikolat l-impatt tiegħu. Il-komponent qawwi ta' kooperazzjoni ddelegata u ta' pprogrammar konġunt mal-Istati Membri (il-Ġermanja u Spanja) jikkontribwixxi biex jitnaqqsu dawn ir-riskji.

### Rakkomandazzjoni 1 - Jissaħħaħ l-approċċ tal-UE billi jittejbu l-konsistenza u l-fokus tiegħu

**(a)**
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

**(b)**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli tilħaq il-bilanċ ġust u tikkonċentra fuq l-oqsma li jiggarantixxu l-ogħla impatt.

**(c)**
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Id-Delegazzjoni diġà qed taħdem lejn programmar konġunt u se tirdoppja l-isforzi tagħha biex dan jinkiseb sal-2018.

L-ipprogrammar konġunt jinsab għaddej, skont il-pjan direzzjonali. Diversi azzjonijiet huma implimentati permezz ta' kooperazzjoni delegata skont l-istess istituzzjonijiet ewlenin, pereżempju: UTSAN (Unità Teknika għas-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni) fis-settur tas-sigurtà tal-ikel (l-UE u l-FAO); Ministeru għax-Xogħol fis-settur tal-impjiegi (UE u Spanja); Ministeru għal-Ambjent fis-settur tal-forestrija (UE u l-Ġermanja).

65
Il-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju jipprovdu struzzjonijiet dettaljati ħafna dwar il-ġestjoni tar-riskju u l-għodod relatati. L-għodda ewlenija użata hija l-Qafas ta' Ġestjoni tar-Riskji li ġiet progressivament introdotta fil-ġestjoni tal-programmi ta' appoġġ baġitarju fil-Honduras.

Rigward il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà, ir-regoli dwar l-appoġġ baġitarju għall-iżborż huma stretti u ċari. Iridu jiġu ssodisfati erba' kriterji ta' eliġibbiltà sabiex ikun jista' jsir l-iżborż. Dan jinkludi l-progress u l-iżviluppi fil-politiki orjentati lejn l-istabbiltà makroekonomika.

Il-gvern wera sforzi u progress meta pprova jżomm u jappoġġa linji ta' politika orjentati lejn l-istabbiltà makro-ekonomika bbażata fuq analiżi komprensiva mwettqa mid-Delegazzjoni. Dan ġie ddokumentat fir-rapporti pprovduti dwar l-eliġibbiltà.

## Rakkomandazzjoni 2 - Tissaħħaħ il-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju

(a)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni peress li hija tal-fehma li l-messaġġi lill-Gvern tal-Honduras diġà huma konsistenti. Bħalissa, il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Appoġġ Baġitarju jikkonferma l-opzjonijiet strateġiċi u jippermetti li d-Delegazzjoni timplimenta programmi ta' Appoġġ Baġitarju li jikkunsidraw il-perjodu qasir, medju u twil b'mod konsistenti.

Il-Kummissjoni għandha approċċ ta' djalogu ta' politika wiesa' mal-Honduras. L-impenn tal-Gvern lejn ir-riformi huwa element ewlieni tad-djalogu ta' politika u l-eliġibbiltà għall-appoġġ baġitarju.

(b)
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni diġà qed tiġi implimentata.

Il-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju jinkludu l-istruzzjonijiet għal valutazzjoni strutturata u għal mudelli dettaljati u huma applikati għal kollox u b'mod konsistenti.

Dawn il-linji gwida jippermettu wkoll biex jiġi rispettat approċċ dinamiku kif introdott fil-Komunikazzjoni dwar l-appoġġ baġitarju COM(2011) 638 final u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti: "*Fil-forom kollha ta' appoġġ baġitarju l-UE ser tapplika approċċ imfassal apposta u dinamiku għall-eliġibilità, li jiffoka fuq il-progress fl-implimentazzjoni ta' strateġiji kredibbli u rilevanti tar-riforma settorjali, biex jimmassimizza l-impatt fil-post" (Konklużjonijiet tal-Kunsill 9371/12)*."

(c)
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-kompetenzi makroekonomiċi u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi huma fatturi fl-għażla tal-persunal li huma kkunsidrati waqt il-proċess ta' rotazzjoni.

Mill-1 ta' Settembru 2016, espert b'kompetenzi fl-appoġġ baġitarju ġie assenjat lid-Delegazzjoni fil-Honduras.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tiżgura kompetenzi addizzjonali makroekonomiċi u tal-ĠFP permezz ta' mezzi alternattivi.

## Rakkomandazzjoni 3 - Jissaħħaħ il-kejl tal-prestazzjoni tal-azzjonijiet tal-UE

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli tqisha fil-programmi ġodda tagħha biex issaħħaħ is-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni settorjali. Pereżempju, il-Baġit tal-Eurosan ser jappoġġa ċensiment nazzjonali tal-agrikoltura. Dan ser isaħħaħ il-kapaċità tal-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika (INE).

## 67

L-istrateġiji settorjali żviluppati mid-Delegazzjoni, jintużaw bħala strumenti ta' appoġġ għad-djalogu ta' politika tal-UE fis-setturi fokali. Kull djalogu ta' politika huwa dokumentat f'rapport bil-miktub. Il-valutazzjonijiet tal-grad sa fejn intlaħqu l-objettivi jsiru waqt analiżi tas-settur għar-rilaxx ta' pagamenti.

## Rakkomandazzjoni 4 - Jissaħħaħ id-djalogu ta' politika fis-setturi prijoritarji

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu | 17.11.2015 |
| L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra) | 20.7.2016 |
| Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja | 25.10.2016 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha | 3.11.2016 |

Aħna vvalutajna l-effettività tal-appoġġ bilaterali tal-UE għall-iżvilupp lis-setturi prijoritarji fil-Honduras. Għalhekk, aħna eżaminajna l-ġestjoni li twettqet mill-Kummissjoni kif ukoll l-ilħuq tal-objettivi tal-UE fir-rigward tal-appoġġ għall-iżvilupp. L-awditu ffoka fuq il-perjodu 2007-2015. Is-setturi prijoritarji li ġew eżaminati kienu t-tnaqqis tal-faqar; il-forestrija; u s-sigurtà u l-ġustizzja.
Aħna kkonkludejna li l-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp lis-setturi prijoritarji fil-Honduras matul il-perjodu awditjat kien parzjalment effettiv. Huwa kkontribwixxa għal għadd ta' żviluppi pożittivi f'dawn is-setturi, iżda l-impatt tiegħu kien imxekkel miċ-ċirkustanzi diffiċli tal-pajjiż u minn għadd ta' dgħufijiet fil-ġestjoni. Is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż tibqa' preokkupanti. Il-livell ta' faqar żdied, l-erja ta' art forestali kienet naqset u għad hemm vjolenza mxerrda ma' kullimkien kif ukoll rata għolja ħafna ta' omiċidji.

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet